European Monitoring Centre on Racism and Xenophobia
Observatoire Européen des Phénomènes Racistes et Xénophobes
Europäische Stelle zur Beobachtung von Rassismus und Fremdenfeindlichkeit

# Ir-Rapport Annwali dwar is-Sitwazzjoni tar-Razziżmu u tal-Ksenofobija fl-Istati Membri ta' l-UE

EUMC 2006

## ĠABRA FIL-QOSOR

# Prefazju għar-Rapport Annwali ta' l-2006

Dan ir-Rapport Annwali għall-2005 huwa l-ewwel wieħed li jkopri sena sħiħa mit-tkabbir ta' l-UE fl-2004. Il-fatt li popolazzjonijiet sostanzjali ta' Roma jgħixu f'numru ta' Stati Membri ġodda ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, ifisser li kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni kontra r-Roma issa qegħdin jiġu msaħħa bħala temi fir-rapporti ta' l-EUMC, inkluż f'dan ir-Rapport Annwali. Barra minn hekk, kif jindika r-rapport, is-sitwazzjoni tal-komunità tar-Roma tkompli tkun kwistjoni ta' tħassib, kwistjoni li hija fuq quddiem fl-aġenda politika ta' l-Unjoni Ewropea.

Fl-2005, saru diversi avvenimenti li permezz tagħhom ġew enfasizzati temi ta' esklużjoni, ta' diskriminazzjoni u ta' integrazzjoni fl-UE. F'Lulju, xi Musulmani Ingliżi, li wettqu suwiċidju bil-bombi, qattlu iżjed minn 50 persuna u weġġgħu lil mijiet oħra f'attakki fuq is-sistema tat-trasport pubbliku f'Londra. Inizjalment, dawn qanqlu żieda fir-reati "ta' mibgħeda minħabba t-twemmin reliġjuż" fir-Renju Unit, iżda, kif ikkonkluda r-rapport ta' l-EUMC fuq il-konsegwenzi tar-reati, il-pożizzjoni qawwija li ħadu l-kapijiet politiċi u tal-komunità, kemm fil-kundanna ta' l-attakki, kif ukoll fid-difiża tad-drittijiet tal-Musulmani, tidher li kellha rwol sabiex tnaqqas dawn l-attakki fix-xhur li ġew wara. Is-sena 2005 kienet ikkaratterizzata wkoll minn disturbi urbani vjolenti, f'Ottubru u f'Novembru, fis-subborgi tal-bliet Franċiżi. Dawn kienu jinvolvu l-aktar ġuvintur ta' oriġini Nord Afrikana u qanqlu dibattiti dwar l-aljenazzjoni ta' dawn il-ġuvintur u d-diskriminazzjoni u l-esklużjoni li spiss jgħaddu minnhom, b'mod partikolari fix-xogħol. B'mod ġenerali, is-sitwazzjoni tiġi affettwata mill-biża u mis-suspetti, mis-sensazzjoni u l-esperjenza ta' nuqqas ta' integrazzjoni fis-soċjetà. Qatt ma kien hemm bżonn daqshekk urġenti ta' l-implimentazzjoni ta' azzjoni konġunta u ta' informazzjoni bbilanċjata sabiex jiġu ċċarati l-possibilitajiet u l-limitazzjonijiet, u sabiex jiġu elaborati r-regoli u r-regolamenti soċjali u b'hekk jiġi assigurat li l-minoranzi etniċi, kulturali u reliġjużi, u l-popolazzjoni li tkun fil-maġġoranza, jkunu jistgħu jgħixu flimkien, fil-paċi u f'rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem.

L-avvenimenti ta' l-2005 jenfasizzaw l-importanza ta' azzjonijiet mill-kapijiet politiċi ġewwa Stat Membru. Fost affarijiet oħrajn, il-kapijiet politiċi għandhom responsabbiltà li ma jieħdux vantaġġ minn dawn l-inċidenti vjolenti sabiex jiksbu kapital politiku li jservi biss għal ftit żmien. Huwa importanti wkoll li, fl-Istat Membru tagħhom, jagħtu appoġġ ċar u b'mod attiv għall-miżuri li jiġġieldu d-diskriminazzjoni, u b'hekk, inaqqsu l-periklu ta' l-aljenazzjoni u ta' l-esklużjoni li jaffettwaw lis-setturi taż-żgħażagħ Ewropej. B'mod partikolari, f'dawk il-pajjiżi fejn it-tweġiba għalihom kienet baxxa u li b'konsegwenza ta' dan ingħata l-messaġġ li d-diskriminazzjoni, bħala problema, ma titteħidx bis-serjetà, għandhom juru l-appoġġ tagħhom b'mod evidenti għall-miżuri nazzjonali kontra d-diskriminazzjoni li huma neċessarji skond id-Direttivi kontra d-diskriminazzjoni.

Waħda mill-osservazzjonijiet ta' dan ir-rapport, hija d-differenzi kbar evidenti fil-prijorità li l-Istati Membri jagħtu lill-ġlieda kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni. Jiddiskrivi l-progress li l-Istati Membri jkunu għamlu fl-implimentazzjoni taż-żewġ

Direttivi kontra d-diskriminazzjoni sa l-aħħar ta' l-2005, u jinnota li l-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea ddikjarat li erba' Stati Membri kienu naqsu milli jaddottaw id-dispożizzjonijiet kollha neċessarji sabiex jikkonformaw mad-Direttivi ta' l-Ugwaljanza Razzjali, avolja t-terminu taż-żmien għall-implimentazzjoni tagħhom kien Lulju 2003. Ir-rapport jindika wkoll il-varjetà wiesgħa ta' arranġamenti fl-Istati Membri sabiex jipprovdu entità speċjalizzata għall-promozzjoni tat-trattament ugwali, kif mitlub mid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali. F'xi pajjiżi, sa l-aħħar ta' l-2005, ma ġiet stabbilita l-ebda entità bħal din. B'kuntrarju għal dan, f'xi pajjiżi, mhux biss ġew imwaqqfa entitajiet bħal dawn, iżda ġew mogħtija setgħat sabiex jassistu lill-vittmi tad-diskriminazzjoni; setgħat li jmorru lil hinn mil-livell minimu rikjest mid-Direttiva.

Fil-kuntest tal-problemi tad-diskriminazzjoni razzjali u tar-reati razzisti deskritti fir-rapport, l-EUMC jitlob mekkaniżmi aħjar għall-ġbir ta' dejta li jgħinu sabiex jiġu identifikati u miġġielda dawn il-fenomeni u sabiex fl-Istati Membri jiġu inklużi miżuri pożittivi bħala parti integrali tal-politika ta' l-ugwaljanza razzjali/etnika. Miżuri ta' titjib f'dawn l-oqsma, fis-sena li ġejja, fil-kuntest ta' l-2007, is-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Ugwali għal Kulħadd", ikunu xierqa ferm.

Dan ir-Rapport Annwali ta' l-EUMC għall-2006 isegwi l-istruttura tas-snin preċedenti, peress li jkopri l-iżviluppi li saru f'ħames oqsma tematiċi matul is-sena 2005: ix-xogħol, l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni, ir-reati u l-vjolenza razzista, u l-iżviluppi legali u istituzzjonali relevanti għall-kwistjonijiet ta' razziżmu u ta' diskriminazzjoni. Bħal fir-Rapport tas-Sena l-oħra, hemm Kapitolu separat għal kull wieħed minn dawn il-ħames oqsma tematiċi. Żvilupp wieħed ġdid għal din is-sena iżda, huwa Kapitolu ieħor li jiddiskrivi l-iżviluppi relevanti li saru matul l-2005 fuq il-livell ta' l-UE u tal-Kummissjoni Ewropea, u mhux fuq il-livell ta' l-Istati Membri individwali.

L-EUMC ser ikompli jagħti l-appoġġ tiegħu lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha fl-isforzi tagħhom sabiex jippromwovu l-integrazzjoni, jiġġieldu r-razziżmu u d-diskriminazzjoni u juru l-valur pożittiv tad-diversità u ta' l-ugwaljanza. Ikompli jappoġġa lill-Kummissjoni Ewropea fl-aġenda tagħha sabiex taħdem fuq l-integrazzjoni u fuq il-ġlieda kontra r-radikaliżmu vjolenti.

Fl-aħħarnett nixtiequ nirringrazzjaw lill-Bord Amministrattiv u lill-istaff ta' l-EUMC għall-appoġġ tagħhom, għall-impenn tagħhom u għax-xogħol importanti li wettqu matul dawn l-aħħar 12-il xahar.

| | |
|---|---|
| Anastasia Crickley<br>President tal-Bord Amministrattiv | Beate Winkler<br>Direttriċi ta' l-EUMC |

# Werrej

1. Introduzzjoni ....................................................................................... 7

2. Inizjattivi legali u istituzzjonali ............................................................ 10

3. Ir-Razziżmu u d-diskriminazzjoni fl-impjiegi ......................................... 12

4. Ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni fl-akkomodazzjoni ............................ 15

5. Ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni fl-edukazzjoni ................................... 17

6. Il-vjolenza u l-kriminalità razzista ........................................................ 19

7. L-iżviluppi ta' l-UE fil-politika u fil-leġislazzjoni .................................... 21

8. Konklużjonijiet ...................................................................................... 23

9. Opinjonijiet ........................................................................................... 34

# 1. Introduzzjoni

Ir-Rapport Annwali ta' l-2006 jeżamina l-informazzjoni u l-iżviluppi li saru fis-sena 2005 fil-25 Stat Membru ta' l-UE fil-każ ta' l-okkorenza ta', u t-tweġibiet għar-razziżmu, il-ksenofobija, l-antisemitiżmu u l-manifestazzjonijiet kontra l-Musulmani. Bħal fir-rapport tas-sena l-oħra, qegħdin jiġu ttrattati l-ħames oqsma tematiċi tal-leġislazzjoni: l-impjieġi, l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u l-vjolenza u r-reati razzisti. Id-dejta u l-informazzjoni huma miġbura mill-25 Punt Fokali Nazzjonali (*National Focal Points*) ta' l-EUMC, wieħed f'kull Stat Membru, li jagħtu d-dejta lill-EUMC taħt titoli komuni f'kull wieħed mill-ħames oqsma tematiċi. Din is-sena ġie pprovdut għall-ewwel darba, Kapitolu ieħor, jiġifieri ħarsa ġenerali lejn l-inizjattivi li għandhom x'jaqsmu mar-razziżmu, mad-diskriminazzjoni u mal-ksenofobija fl-Ewropa, li ttieħdu mill-Kummissjoni Ewropea matul l-2005.

Matul is-sena 2005 kien hemm diversi avvenimenti drammatiċi li wasslu sabiex isir enfasi fuq id-dibattiti dwar l-esklużjoni, id-diskriminazzjoni u l-integrazzjoni ta' l-immigranti u tal-minoranzi fl-UE. L-iżjed evidenti seħħ fis-7 ta' Lulju f'Londra fejn serje ta' attakki bil-bombi fuq it-trasport pubbliku qatlu 52 persuna u weġġgħu mijiet. Dawk li qegħdu l-bombi kienu ġuvintur Musulmani Ingliżi. Fil-21 ta' Lulju kien hemm 4 attakki oħra fuq is-sistema tat-trasport pubbliku f'Londra li fihom ħadd ma miet u ħadd ma weġġa'. Fir-Rapport Annwali[1] ta' l-EUMC tas-sena l-oħra kienet saret referenza għall-avvenimenti tas-sena preċedenti – l-attakki bil-bombi fuq il-ferrovija f'Madrid f'Marzu 2004, u wara, l-qtil ta' Theo van Gogh f'Amsterdam – iż-żewġ reati mwettqa minn Islamisti radikali u li t-tnejn wasslu għall-inċidenti vjolenti f'diversi pajjiżi, l-iżjed immirati kontra l-Musulmani u l-moskeji. Bl-istess mod, fl-2005, fir-Renju Unit, wara l-attakki bil-bombi, ġiet rapportata żieda fir-reati ta' mibgħeda minħabba t-twemmin reliġjuż, kontra miri Mużlumani. Iżda, kif jidher fl-analiżi f'Kapitolu 6 ta' dan ir-rapport, sa l-aħħar tax-xahar ta' wara, in-numru ta' inċidenti rapportati kien niżel għal-livelli 'normali'.

F'Novembru 2005, l-EUMC ippubblikat rapport[2] dwar l-impatt ta' l-attakki li kkonkluda li: 'il-pożizzjoni qawwija li ttieħdet mill-kapijiet politiċi u dawk tal-komunità, kemm fil-kundanna ta' l-attakki, kif ukoll fid-difiża tad-drittijiet leġittimi tal-Musulmani, wasslet għat-tnaqqis mgħaġġel ta' dawn l-inċidenti [razzisti]'. Il-kapijiet politiċi u dawk tal-komunità malajr għamlu d-distinzjoni bejn l-azzjonijiet ta' ftit Musulmani Ingliżi li tefgħu l-bombi, u l-komunità Musulmana in ġenerali. Dan il-messaġġ ittieħed u ġie rrapportat mill-mezzi ta' komunikazzjoni kemm Ingliżi, kif ukoll barranin, u serva sabiex il-komunità Musulmana fl-Ingilterra ma titqiesx bħala li hija kollha ħażina, u sabiex ma jinħolqux mistoqsijiet

---

1. Ara Anness 1 tar-rapport ewlieni għall-metodoloġija tar-Rapporti Annwali.
2. EUMC (2005) The Impact of 7 July 2005 London Bomb Attacks on Muslim Communities in the EU (*L-Impatt ta' l-Attakki bil-Bombi fuq Londra li saru fis-7 ta' Lulju fuq il-Komunitajiet Musulmani fl-UE*), Vjenna: http://eumc.eu.int/eumc/material/pub/London/London-Bomb-attacks-EN.pdf.

fundamentali dwar l-eżistenza ta' soċjetà "multikulturali". Huwa indikattiv li fi stħarriġ magħmul mid-ditta MORI xahar wara l-attakki bil-bombi f'Londra, 62% ta' dawk li wieġbu qabblu li 'l-multikulturaliżmu jagħmel lir-Renju Unit post aħjar li fih wieħed jista' jgħix'.[3]

Is-Sena 2005 kienet, b'mod drammatiku, ikkaratterizzata wkoll minn disturbi urbani ġewwa Franza li bdew fl-aħħar ta' Ottubru u komplew sa nofs Novembru fis-subborgi ta' Pariġi u fi bliet Franċiżi oħra u kienu jinvolvu l-aktar, ġuvintur ta' oriġini Nord Afrikana. L-irvelli wasslu sabiex kull lejl inħarqu mijiet ta' vetturi u proprjetajiet. Tema rikkorenti fil-ħafna analiżi li saru wara tal-kawżi ta' dawn l-irvellijiet kienet l-aljenazzjoni ta' numru kbir ta' residenti żgħażagħ f'dawn is-subborgi u l-esperjenzi tagħhom ta' esklużjoni u ta' diskriminazzjoni fil-qasam ta' l-impjiegi. Provi ta' dawn il-fenomeni fl-2005 huma diskussi f'Kapitolu 3 tar-Rapport Annwali li jistabbilixxi l-indikaturi statistiċi tan-nuqqas ta' ugwaljanza fl-impjiegi fl-Istati Membri ta' l-UE, jiddiskrivi l-modi li fihom id-diskriminazzjoni tiġbed l-attenzjoni pubblika u jagħti eżempji ta' kif din timmanifesta ruħha. Jikkwota wkoll studji li saru fl-2005 li juru kif ġewwa Franza, bħal f'ħafna pajjiżi oħra ta' l-UE, hemm rati għoljin ta' nuqqas ta' impjieg fost in-nies barranin li mhumiex mill-UE, anke meta l-livell ta' edukazzjoni tagħhom ikun simili għal dak tal-maġġoranza.

Fl-2005 ġewwa Franza, f'Pariġi, wkoll fil-lukandi u ġewwa l-blokok ta' appartamenti li fihom jgħixu l-immigranti seħħew serje ta' nirien, tnejn f'Awwissu qatlu iżjed min 20 persuna, u wieħed f'April qatel numru simili ta' persuni. Ħafna minn dawk li mietu kienu tfal u ħafna mill-familji kienu mill-Affika. L-inċidenti qanqlu attenzjoni kbira mill-pubbliku fuq il-kundizzjonijiet ħżiena ta' akkomodazzjoni li fihom jgħixu ħafna immigranti. Kapitolu 4 tar-Rapport Annwali jħares lejn is-sitwazzjoni ta' l-akkomodazzjoni ta' l-immigranti u tal-minoranzi fl-Ewropa fl-2005 u jiddiskrivi n-natura tan-nuqqas ta' ugwaljanza u s-segregazzjoni li jgħaddu minnha l-komunitajiet ta' immigranti u ta' minoranzi u l-manifestazzjonijiet ta' diskriminazzjoni diretta u indiretta li għalihom huma esposti.

L-avvenimenti msemmija hawn fuq, iżda m'għandhomx inaqqsu l-attenzjoni mill-fatt li l-fenomenu tad-diskriminazzjoni huwa parti mill-ħajja ta' kuljum ta' ħafna Ewropej, irrispettivamnet mill-okkorrenza ta' avvenimenti ta' profil għoli. F'dan il-każ, Kapitolu 5 tar-Rapport Annwali jiddiskrivi l-prattika u l-istrutturi diskriminatorji fl-edukazzjoni, u b'mod partikolari jenfasizza kwistjonijiet ta' segregazzjoni fl-edukazzjoni u juri b'mod partikolari s-sitwazzjoni prekarja tan-nies mill-komunitajiet tar-Roma fil-każ ta' l-edukazzjoni tagħhom u l-atitudnijiet diskriminatorji li jiltaqgħu magħhom. Barra minn hekk, l-aħħar żviluppi fil-politika u fid-dibattiti dwar is-simboli reliġjużi fl-edukazzjoni huma dikussi f'Kapitolu 5 li jispiċċa, b'eżempji ta' prattika tajba li ġew implimentati fl-2005 sabiex issir il-

---

[3] MORI, Awissu 10 2005. Ara http://news.bbc.co.uk/2/hi/uk_news/4137990.stm.

promozzjoni kontra r-razziżmu u sabiex tiġi mtejba s-sitwazzjoni ta' l-immigranti u tal-minoranzi fis-settur ta' l-edukazzjoni.

Fil-kuntest tan-nuqqas ta' ugwaljanza eżistenti fl-oqsma tematiċi ta' l-impjiegi, ta' l-akkomodazzjoni u ta' l-edukazzjoni, l-implimentazzjoni tad-Direttivi ta' l-Ugwaljanza ta' l-UE hija ta' importanza partikolari. Kapitolu 2 tar-Rapport Annwali jittratta l-livell li fih waslet l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar Ugwaljanza Razzjali u tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi fl-Istati Membri ta' l-UE. Barra minn hekk, Kapitolu 2 jagħti informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tat-twaqqif ta' entitajiet speċjalizzati għall-promozzjoni ta' trattament ugwali fl-Istati Membri, kif ukoll fuq il-prattika tajba ta' trattament ugwali u ta' l-integrazzjoni.

L-avvenimenti ta' l-2005 indikaw b'mod ċar li kien hemm nuqqas ta' dejta li setgħet tindika jew tispjega ċerti żviluppi. Dan in-nuqqas ta' dejta jidher fl-oqsma tematiċi kollha ttrattati fir-Rapport Annwali, iżda jidher b'mod partikolari fil-kwalità differenti tad-dejta fil-każ ta' l-istatistika dwar il-vjolenza u l-kriminalità razzista, u f'ċerti każijiet kien hemm nuqqas assolut ta' din id-dejta. B'hekk Kapitolu 6 mhux biss jipprovdi informazzjoni dwar it-tendenzi fil-vjolenza u l-kriminalità razzista fl-Istati Membri fejn din hija disponibbli, iżda jiddiskuti wkoll l-istat attwali tal-ġbir tad-dejta fl-Istati Membri ta' l-UE. Qegħda tinġibed attenzjoni speċjali fuq gruppi vulnerabbli, bħal dawk li jfittxu asil u r-refuġjati, kif ukoll fuq individwi u komunitajiet tar-Roma, tal-Musulmani u tal-Lhud. Barra minn hekk, il-prattika tajba hija enfasizzata fil-każ tal-politika u tal-ġbir tad-dejta, il-prevenzjoni tar-razziżmu u l-estremiżmu u l-għajnuna u l-gwida lill-vittmi.

Il-ġlieda kontra r-razziżmu tkompli tkun qasam li fih l-Unjoni Ewropea għandha firxa wiesgħa ta' attivitajiet u f'Kapitolu 7 tar-Rapport Annwali hija ppreżentata ħarsa ġenerali ta' l-attivitajiet li saru matul l-2005. Hawnhekk, jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' solidarjetà u ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u tingħata wkoll attenzjoni speċifika mill-istituzzjonijiet Ewropej għas-sitwazzjoni tal-komunitajiet tar-Roma fl-Istati Membrui ta' l-UE. Barra minn hekk, kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-libertà u mas-sigurtà qegħdin fuq quddiem, fuq l-aġenda ta' l-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, l-UE tkompli x-xogħol tagħha sabiex tiġġieled ir-radikaliżmu vjolenti. Il-Kummissjoni tkompli wkoll ix-xogħol tagħha billi tibni fuq il-Komunikazzjoni tagħha dwar aġenda komuni għall-integrazzjoni ta' l-immigranti permezz tal-promozzjoni ta' prinċipji bażiċi komuni għall-integrazzjoni, addottati mill-Kunsill fl-2004.

Is-sitt taqsimiet li ġejjin jiddeskrivu fil-qosor is-sitt Kapitoli tematiċi ewlenin tar-Rapport Annwali ta' l-UE ta' l-2006.

# 2. Inizjattivi legali u istituzzjonali

Il-proċess ta' implimentazzjoni taż-żewġ Direttivi kontra d-diskriminazzjoni, jew tlesta, jew għadu qiegħed isir u fil-maġġoranza ta' l-Istati Membri ta' l-UE ġie introdott abbozz tal-leġislazzjoni fil-parlament. Madankollu, fl-2005, il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea ddeċidiet li l-Finlandja, il-Lussemburgu, il-Ġermanja u l-Awstrija kienu naqsu milli jadottaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji kollha sabiex jikkonformaw mad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali qabel id-19 ta' Lulju 2003 – id-data li fiha għalaq it-terminu taż-żmien għall-implimentazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea ddeċidiet ukoll li l-Lussemburgu kien naqas milli jimplimenta d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fuq l-Impjiegi sad-data rikjesta. (L-UE10 kellhom terminu ta' żmien itwal mill-UE15 għall-implimentazzjoni.)

F'xi Stati Membri setgħu jiġu nnotati problemi fil-proċess ta' implimentazzjoni u setgħu jiġu osservati dibattiti politiċi li ndikaw nuqqas ta' qbil fundamentali fl-implimentazzjoni tad-Direttivi. Fir-Repubblika Ċeka u fil-Ġermanja, il-kamra superjuri tal-parlament ma għadditx l-abbozz propost li kien jimplimenta d-Direttivi. Fil-Lussemburgu, il-Conseil d'Etat għamel pubblika, opinjoni kritika dwar l-abbozz propost għall-implimentazzjoni tad-direttivi. Fil-Latvja u f'Malta l-leġislazzjoni ewlenija għall-implimentazzjoni ta' waħda jew taż-żewġ Direttivi għadhom disponibbli biss fil-forma ta' abbozz u għad iridu jgħaddu mill-parlament. Fl-Estonja u fil-Polonja ma ġiet osservata l-ebda attività leġiżlattiva kbira dwar l-implimentazzjoni tad-Direttivi.

## Entitajiet speċjalizzati

Kien hemm ukoll problemi dwar id-disponibilità ta' entitàjiet speċjalizzati għall-promozzjoni ta' trattament ugwali skond Art 13 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali. Fir-Repubblika Ċeka, fil-Ġermanja, fil-Lussemburgu u f'Malta ma ġiet imwaqqfa l-ebda entità speċjalizzata sa l-aħħar ta' l-2005. Fil-Polonja, fil-passat, kienet ġiet imwaqqfa entità, iżda din waqfet teżisti f'Novembru 2005.

F'ħafna mill-Istati Membri, iżda, twaqqfet entità speċjali għall-promozzjoni tat-trattament ugwali. F'dak li għandu x'jaqsam mal-poteri ta' dawn l-entitajiet, jista' jiġi osservat li wħud jipprovdu assistenza lill-vittmi tad-diskriminazzjoni fil-forma ta' appoġġ billi jieħdu azzjoni legali li tmur lil hinn mil-livell minimu mitlub mid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali – bħal fil-Belġju, fl-Irlanda, fil-Latvja, fl-Ungerija, fl-Awstrija, fis-Slovakja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja u fir-Renju Unit.

Ta' min isemmi "L-Awtorità għat-Trattament Ugwali" ta' l-Ungerija għall-poteri kbar li għandha sabiex tappoġġa lill-vittmi tad-diskriminazzjoni. Tista' tintervjeni fir-reviżjoni ġudizzjarja tad-deċiżjonijiet amministrattivi. Tista' wkoll taġixxi bħala rappreżentant tal-vittmi tad-diskriminazzjoni quddiem il-Qrati. Tista' wkoll tieħu azzjoni legali fl-interess pubbliku sabiex tipproteġi d-drittijiet tal-persuni u tal-

gruppi. Eżempju ieħor ta' entità speċjali li għandha poteri qawwija sabiex tgħin lill-vittmi tad-diskriminazzjoni huwa ċ-Ċentru Nazzjonali Slovakk għad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-poteri qawwija ta' dawn l-entitajiet sabiex jipprovdu assistenza legali għall-vittmi tad-diskriminazzjoni jqegħduhom f'pożizzjoni tajba sabiex jikkontribwixxu b'mod pożittiv sabiex il-leġislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni fl-Istati Membri tkun waħda effettiva.

# 3. Ir-Razziżmu u d-diskriminazzjoni fl-impjiegi

Bid-dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni u biż-żieda fil-każijiet li qegħdin jitressqu l-Qorti, u bir-riċerka dwar id-diskriminazzjoni li qegħda ssir u tiġi mxerrda b'mod iżjed komuni, hemm provi li s-suppożizzjonijiet ġenerali preċedenti dwar in-nuqqas fl-edukazzjoni u nuqqasijiet oħra li minnhom ibagħtu l-immigranti bħal r-raġunijiet prinċipali għan-nuqqas ta' ugwaljanza fl-impjiegi, qegħdin jiġu bbilanċjati b'kuxjenza akbar dwar id-diskriminazzjoni u l-ħtieġa li din tiġi miġġielda.

Fl-2005 saru diversi żviluppi li jissuġġerixxu li l-kuxjenza dwar id-diskriminazzjoni u l-għarfien tal-ħtieġa li jsir xi ħaġa dwarha, kienu qegħdin jikbru fil-ħsieb ta' dawk li jfasslu l-politika f'numru ta' Stati Membri, inklużi inizjattivi ġodda jew għall-ġbir ta' statistika uffiċjali, jew sabiex tiġi kkummissjonata riċerka li tidentifika b'mod iżjed preċiż id-daqs u n-natura tal-problema.

## Il-kwistjoni tad-dejta dwar l-etniċità

In-nuqqas ġenerali tad-dejta dwar l-oriġini etnika/nazzjonali tfisser l-abbilità mnaqqsa sabiex tiġi evalwata l-politika kontra r-razziżmu. F'xi Stati Membri dan in-nuqqas l-ewwelnett jikkontribwixxi għall-għarfien limitat tal-problema tad-diskriminazzjoni. Hemm sinjali iżda li xi Stati Membri qegħdin iħarsu b'mod iżjed favorevoli milli kienu qabel lejn kwistjonijiet ta' reġistrazzjoni ta' oriġini etnika/nazzjonali. Per eżempju ġewwa Franza ġie rapportat li xi servejs uffiċjali issa qegħdin jużaw kategoriji li huma viċin għal dawn il-varjabbli. Ġie rrapportat ukoll li xi Franċiżi li jħaddmu qed jibdew jinnotaw 'id-diversità ta' l-oriġini' ta' l-istaff tagħhom u ta' dawk li japplikaw għall-impjiegi.

F'dan il-każ huwa sinjifikanti wkoll li ġewwa Franza, il-*Commission Nationale de l'Informatique et des Libertés* (CNIL), iddikjarat f'rakkomandazzjoni fl-2005, li l-leġislazzjoni Franċiża għall-protezzjoni tad-dejta ma tipprojbixxix il-ġbir "temporanju" ta' ċerta informazzjoni dwar l-oriġini etnika ta' l-individwi, maħsub biss sabiex ikun hemm nuqqas ta' diskriminazzjoni, jekk jiġu assigurti ċerti protezzjonijiet li jiggarantixxu l-anonimità.

## Il-provi u l-għarfien tad-diskriminazzjoni

Meta l-varjabbli ta' l-oriġini etnika ma jkunx disponibbli fl-istatistika eżistenti għal dawk li jixtiequ jidentifikaw il-proċessi tan-nuqqas ta' ugwaljanza, ir-riċerka tista' timla ftit mill-vojt. Fir-Rapport Annwali tas-sena l-oħra, kien hemm ħafna eżempji tal-metodu ta' riċerka dwar 'il-prova tad-diskriminazzjoni', li qiegħed jintuża f'diversi Stati Membri meta jintużaw persuni b'karatteristiċi li jixxiebħu sabiex jiġi ttestjat jekk il-fatt li persuna tintgħażel jew ma tintgħażilx għal impjieg ikunx ibbażat fuq l-etniċità jew fuq il-kulur tal-ġilda. Kuntrarju għal dan, test wieħed biss

bħal dan issemma din is-sena. Huwa forsi sinjifikanti, iżda, li fl-2005, l-awtoritajiet kemm ta' l-Iżvezja kif wkoll ta' Franza, stiednu lill-ILO sabiex twettaq l-ittestjar tad-diskriminazzjoni f'numru ta' bliet u r-riżultati ser jingħataw lilhom fl-2006. Dwar iż-żewġ pajjiżi fis-snin preċedenti ma kienux laqgħu l-opportunità li jipparteċipaw f'dawn l-esperimenti, għal raġunijiet differenti. Dan l-iżvilupp jista' jitqies bħala indikazzjoni oħra tal-bżonn ta' l-għarfien uffiċjali tal-ħtieġa li l-problema tad-diskriminazzjoni fl-impjiegi u l-importanza li tinġabar dejta dwar dan tittieħed bis-serjetà.

## L-użu ta' "servejs dwar il-vittmi"

Waqt li l-ittestjar tad-diskriminazzjoni jipprovdi indikazzjoni 'oġġettiva' tal-fenomenu tad-diskriminazzjoni, ir-riċerka tista' tintuża wkoll sabiex tipprovdi dimensjoni soġġettiva, l-aktar permezz tas-servejs dwar il-perċezzjonijiet u l-esperjenzi tal-vittmi. Kien hemm ħafna iżjed minn dawn li ġew irrapportati fl-2005 milli fis-sena preċedenti. Per eżempju, servejs fuq dawk li jitkellmu bir-Russu fl-Estonja, fuq l-immigranti fid-Danimarka, fuq it-Torok fil-Ġermanja, fuq is-Serbi u l-Bożnijaċi fis-Slovenja u s-Somali, ir-Russi, l-Estonjani, il-Vjetnamiti fil-Finlandja kollha rrapportaw esperjenzi ta' diskriminazzjoni. Ġewwa Franza l-immigranti u d-dixxendenti ta' l-immigrantii rrapportaw li kienu soġġetti b'mod regolari għal trattamenti negattivi minħabba l-oriġini, il-kulur tal-ġilda tagħhom, isimhom jew il-mod kif jitkellmu. Is-sensittività għal dawn it-tipi ta' esperjenzi tidher li hija akbar mat-tieni ġenerazzjoni, fost iż-iżgħar, avolja l-attitudni intolleranti u l-esperjenzi negattivi li jiltaqgħu magħhom huma inqas serji minn dawk li kienu jiltaqgħu magħhom persuni mill-ewwel ġenerazzjoni, fost il-kbar.

## L-istatus legali u l-vulnerabilità

Il-kwistjoni ta' l-istatus legali għandha x'taqsam direttament mal-kwistjoni ta' l-integrazzjoni u ta' l-ugwaljanza ta' l-immigranti u l-minoranzi. L-aċċess għas-suq ta' l-impjiegi għandu x'jaqsam direttament mat-tip tal-permess tax-xogħol jew tar-residenza li jkollu l-ħaddiem immigrant. L-istatus legali jista' jiddetermina jekk il-immigranti jkunux jistgħu jibdlu l-impjieg jew is-settur ta' l-ekonomija li fih jaħdmu.

Anke meta ċittadini minn pajjiżi terzi jkunu residenti legali u permanenti fi Stat Membru, il-liġijiet u r-regolamenti jillimitaw id-drittijiet tagħhom għall-aċċess għall-impjiegi. Waqt li ċittadini minn pajjiżi terzi ma jistgħux jiġu esklużi minn opportunitajiet ta' xogħol fuq il-bażi ta', per eżempju, l-oriġini etnika jew reliġjuża tagħhom, dawn jistgħu jiġu esklużi fuq il-bażi ta' l-istat taċ-ċittadinanza tagħhom f'każijiet ta' ċerti kategoriji ta' impjieg, l-aktar fis-settur pubbliku.

Kien hemm diversi rapporti fl-2005 ta' gruppi ta' ħaddiema immigranti li kienu jaħdmu f'sitwazzjonijiet mhux legalment adegwati u li b'hekk setgħu jirreżistu inqas għall-estremitajiet ta' sfruttament, u li għalhekk, il-protezzjoni konvenzjonali kontra d-diskriminazzjoni hija kważi irrelevanti. Xi kultant, il-gvernijiet jistgħu

b'mod dirett u intenzjonali jżidu l-vulnerabiltà ta' gruppi ta' ħaddiema li għandhom nuqqasijiet legali, bħal fil-każ tal-kuntratti uffiċjali ġodda għal ħaddiema domestiċi f'Ċipru li ma jħallux lil dawn il-ħaddiema jipparteċipaw fi kwalunkwe attività politika jew tat-trejd unjons inkella jkun hemm terminazzjoni awtomatika tal-permess tax-xogħol u tar-residenza.

Matul l-2005 seħħew avvenimenti li wasslu lill-kummentaturi sabiex jenfasizzaw l-importanza li jinżammu l-livelli minimi tal-kundizzjonijiet tax-xogħol meta jiġu impjegati l-immigranti sabiex jiġi evitat id-diskors razzist. Matul l-2005, f'żewġ okkażjonijiet, f'żewġ pajjiżi differenti, fl-Irlanda u fl-Olanda, fejn seħħew inċidenti simili ta' gruppi ta' ħaddiema barranin li ġew impjegati sabiex jissostitwixxu lill-ħaddiema nazzjonali bil-għan li jitnaqqsu l-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, qamet il-biża' dwar l-implikazzjonijiet ta' dan fuq iż-żieda tas-sentimenti kontra l-immigranti.

# 4. Ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni fl-akkomodazzjoni

Is-sitwazzjoni ta' l-akkomodazzjoni ta' l-immigranti u tal-minoranzi etniċi toħloq b'mod ċar tħassib kbir fl-Istati Membri kollha. Qegħdin isiru numru ta' proġetti u jittieħdu miżuri sabiex jiġu integrati l-immigranti u l-minoranzi etniċi. Minkejja dan, il-kundizzjonijiet ta' l-akkomodazzjoni ta' l-immigranti tar-Roma u ta' dawk li jfittxu asil jibqgħu problematiċi. F'numru ta' pajjiżi, l-immigranti u r-Roma jgħixu f'akkomodazzjonijiet ifqar u iżjed prekarji mill-medja nazzjonali. Il-familji ta' l-immigranti u tar-Roma għandhom iżjed probabbilità li jiġu ddiskriminati fis-suq ta' l-akkomodazzjoni milli għandha l-popolazzjoni indiġina. Il-kampijiet tar-Roma u taż-Żingari ġeneralment ma jkollhomx infrastruttura adegwata, u fil-każ ta' l-akkomodazzjoni tar-Roma fiċ-ċentri urbani, l-akkomodazzjonijiet spiss huma ta' kwalità inferjuri u joffru ftit sigurtà.

Bidliet fin-natura u fil-mudelli ta' l-influssi ta' l-immigranti f'dawn l-aħħar snin wasslu għal firxa ġdida ta' kwistjonijiet dwar l-akkomodazzjoni, li jeħtieġu li jiġu indirizzati mill-Istati Membri. Provi juru li diversi immigranti ġewwa l-Istati Membri huma partikolarment vulnerabbli li ma jkollhomx post fejn joqogħdu. Dawk li ma jirnexxilhomx isibu kenn u l-immigranti anzjani jidhru li qed jikkontribwixxu għall-porzjon li dejjem qiegħed jiżdied ta' persuni li mhumiex ċittadini nazzjonali li m'għandhomx dar.

Dawk li jaħdmu skond l-istaġun jiġu affettwati wkoll b'mod serju bis-sitwazzjoni prekarja ta' l-akkomodazzjoni. Minħabba l-perjodu qasir tar-residenza tagħhom f'pajjiż, u l-vulnerabilità tagħhom fis-suq tax-xogħol, għad iridu jinstabu soluzzjonijiet dwar l-akkomodazzjoni tagħhom. Konsegwenza waħda għan-nuqqas ta' akkomodazzjoni kienet iż-żieda ta' akkomodazzjonijiet inferjuri fir-reġjunijiet fejn joqogħdu l-ħaddiema li jaħdmu skond l-istaġun.

## Għandhom jiġu evitati 'l-*ghettos*'

Tinħoloq firxa differenti ta' problemi minħabba s-segregazzjoni spazjali. Huwa probabbli li l-immigranti u l-minoranzi etniċi jkunu vittmi ta' segregazzjoni li l-manifestazzjoni l-iżjed viżibbli tagħha hija l-formazzjoni tal-*ghettos*. Fost l-Istati Membri, uħud minnhom bdew programmi sabiex jiġġieldu l-formazzjoni tal-*ghettos*. Huwa importanti, iżda, li ssir distinzjoni bejn il-miżuri sabiex tiġi miġġielda l-formazzjoni tal-*ghettos* u d-distribuzzjoni forzata, peress li dawn mhux neċessarjament imorru flimkien. Għalhekk, waqt li l-ġlieda kontra l-formazzjoni tal-*ghettos* tinvolvi pakkett wiesa' ta' miżuri li jinvolvu l-oqsma kollha - l-impjiegi, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, is-sigurtà u affarijiet oħra bħal dawn – id-distribuzzjoni forzata tista' tibdel biss il-mudelli tad-distribuzzjoni f'ċerti postijiet waqt li ma titrattax problemi ewlenin ta' integrazzjoni.

## Il-prova u d-dejta dwar id-diskriminazzjoni

Hemm nuqqas sinjifikanti ta' dejta dwar id-diskriminazzjoni fl-akkomodazzjoni. Ir-riċerka dwar il-prova tad-diskriminazzjoni iżda wriet li l-immigranti jiffaċċjaw trattament differenzjali mill-aġenziji tad-djar u mis-sidien. Waqt li l-prova tqajjem dubji etiċi f'xi Stati Membri, hemm tendenza notevoli li jiġu addottat dan il-metodu sabiex jiġu mkejla l-livelli tad-diskriminazzjoni. Ġewwa Franza, wara d-disturbi urbani ta' bejn Ottubru – Novembru 2005, qegħda tiġi kkunsidrata l-possibilità li dan l-ittestjar jiġi applikat sabiex tinkiseb stampa ta' l-ostakoli li jiffaċċjaw l-immigranti. B'mod ġenerali huwa probabbli li n-numru ta' ilmenti dwar id-diskriminazzjoni fl-akkomodazzjoni jonqsu milli jirriflettu s-sitwazzjoni reali ġewwa l-Istati Membri. Waqt li indikaturi oħra, bħas-segregazzjoni f'ċerti postijiet, il-kundizzjonijiet ta' l-akkomodazzjoni jew in-natura tal-kirja, jistgħu jidhru bħala raġunijiet għad-diskriminazzjoni fl-akkomodazzjoni, dawn mhumiex ibbażati fuq provi diretti. Fin-nuqqas ta' miżuri oħra, l-ittestjar jibqa' għodda ġeneralment effettiva għall-ġbir tad-dejta fuq id-diskriminazzjoni diretta.

## L-għarfien u l-'prattika tajba'

Qegħdin isiru ħafna inizjattivi innovattivi dwar l-esklużjoni fl-akkomodazzjoni fl-Istati Membri. Minkejja l-fatt li l-pajjiżi juru livelli differenti ta' implimentazzjoni ta' "prattika tajba", nistgħu ninnutaw żieda fl-għarfien tar-rwol importanti li l-akkomodazzjoni għandha fil-proċess ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti u tal-minoranzi etniċi. Jidher ċar li s-segregazzjoni f'ċertu postijiet, id-diskriminazzjoni razzista fis-suq ta' l-akkomodazzjoni u l-inċertezza fl-akkomodazzjoni huma lkoll marbutin ma' diversi forom ta' esklużjoni li jtellfu l-possibilità ta' l-avvanz soċjali. Ġew implimentati, f'dak li jidher bħala sforz nazzjonali ko-ordinat, miżuri sabiex titjieb is-sitwazzjoni ta' l-akkomodazzjoni tar-Roma f'numru ta' Stati Membri ġodda.

# 5. Ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni fl-edukazzjoni

Is-segregazzjoni parzjali jew saħansitra anke totali fl-edukazzjoni, għadha fenomenu komuni f'partijiet kbar ta' l-UE. Analiżi u ħarsa ġenerali ta' l-istudju fuq l-edukazzjoni li sar ma' l-UE kollha, PISA, u ta' studji oħrajn, ikkonkludew b'mod ċar, li fl-2005, is-sistemi ta' l-iskejjel li kienu jiddifferenzjaw u li kienu jissegregaw b'mod kbir bejn l-istudenti kienu qegħdin joħolqu l-inugwaljanza.

Ftit Stati Membri rrapportaw tnaqqis fid-differenza ta' l-edukazzjoni bejn il-popolazzjoni fil-maġġoranza u l-gruppi ta' l-immigranti/tal-minoranzi. B'mod ġenerali, iżda, id-differenza fit-tagħlim bejn gruppi etniċi/nazzjonali differenti baqgħet waħda ta' livell sinjifikanti, b'ċerti gruppi bħar-Roma jkunu partikolarment vulnerabbli li jaqgħu lura.

## Is-sitwazzjoni ta' l-istudenti tar-Roma

Raġuni ewlenija għalfejn l-istudenti tar-Roma jaqgħu taħt il-medja fl-edukazzjoni hija l-fatt li f'ħafna Stati Membri huma l-grupp li huwa l-aktar affettwat mis-segregazzjoni u minn forom differenti ta' diskriminazzjoni, kemm diretta kif ukoll indiretta. Matul din is-sena u fis-snin preċedenti ttieħdu miżuri sabiex titnaqqas l-okkorrenza tas-segregazzjoni, tad-diskriminazzjoni u tan-nuqqas ta' suċċess fl-edukazzjoni. Is-sitwazzjoni ta' l-istudenti tar-Roma, iżda, għadha waħda prekarja u tkompli teħtieġ iżjed attenzjoni.

## Nuqqas ta' dejta

Hemm nuqqas sistematiku ta' reġistrazzjoni ta' l-inċidenti razzisti u diskriminatorji fil-qasam ta' l-edukazzjoni f'ħafna mill-Istati Membri ta' l-UE. Barra minn hekk, id-dejta dwar l-edukazzjoni ta' gruppi etniċi/nazzjonali differenti, hija, f'ħafna mill-Istati Membri, jew disponibbli b'mod parzjali jew m'hija disponibbli xejn. B'hekk f'ħafna Stati Membri hija nieqsa informazzjoni li wieħed jista' joqgħod fuqha dwar inċidenti ta' diskriminazzjoni diretta jew indiretta li per eżempju tista' tintuża sabiex tiġi eżaminata u mtejba l-effiċjenza tal-miżuri tal-prattika tajba.

## Is-simboli reliġjużi

Il-kwistjoni dwar jekk is-simboli reliġjużi għandhomx jitħallew jew għandhomx jiġu pprojbiti milli jintwerew fil-qasam ta' l-edukazzjoni wasslet għal leġislazzjoni ġdida u dibattiti ġodda fl-2005. Il-politika fl-Istati Membri tvarja minn projbizzjoni nazzjonali li jintwera kwalunkwe simbolu reliġjuż fl-iskejjel statali, għal-libertà assoluta ta' l-istudenti u ta' l-għalliema li jilbsu kwalunkwe simbolu reliġjuż. Bejn dawn iż-żewġ pożizzjonijiet hemm politika li d-deċiżjonijiet jitħallew f'idejn l-

istati federali jew l-iskejjel individwali, jew li jiġu pprojbiti biss ċerti simboli reliġjużi, waqt li oħrajn ma jitqiesux li jiġu affettwati minn dan ir-regolament.

## 'Il-prattika tajba' fl-edukazzjoni

Studji riċenti ta' riċerka dwar il-barrieri istituzzjonali li jiffaċċjaw l-immigranti u l-minoranzi fil-qasam ta' l-edukazzjoni, wasslu għall-konklużjoni li l-miżuri selettivi ta' appoġġ, ikollhom, f'ħafna każijiet, ftit impatt sabiex titjieb il-pożizzjoni ta' l-immigranti u tal-minoranzi. Mill-banda l-oħra, bidliet usa' sabiex ikun hemm sistema edukattiva li tippermetti iżjed integrazzjoni u li tkun inqas differenzjata, flimkien ma' miżuri selettivi ta' appoġġ, għandhom il-potenzjal li jnaqqsu l-barrieri u li jippromwovu s-suċċess fl-edukazzjoni.

Fil-każ ta' miżuri selettivi kontra d-diskriminazzjoni, hemm firxa wiesa' ta' strumenti li qegħdin jiġu applikati sabiex tiġi mtejba s-sitwazzjoni ta' l-immigranti u tal-minoranzi fis-settur ta' l-edukazzjoni u sabiex jiġu miġġielda r-razziżmu u d-diskriminazzjoni. Dawn il-miżuri jinkludu ż-żieda fl-għarfien dwar id-diversità u d-diskriminazzjoni fl-edukazzjoni, l-għoti ta' appoġġ individwali lill-istudenti b'diffikultajiet lingwistiċi u/jew ta' tagħlim jew jiġu pprovduti programmi ta' appoġġ għall-ġenituri jew għall-għalliema.

F'ċerti pajjiżi hemm programmi finanzjarji, jew fil-forma ta' għotjiet jew ta' boroż ta' studju għall-istudenti, jew fil-forma ta' inċentivi għall-kumpaniji sabiex jinvestu fl-apprentistati għat-tfal li ġejjin minn gruppi ta' immigranti/minoranzi. Hemm ukoll fondi għall-proġetti mmirati sabiex itejbu l-pożizzjoni ta' l-immigranti u tal-minoranzi fis-settur ta' l-edukazzjoni. Xi Stati Membri qegħdin jistabbilixxu miżuri kontra s-segregazzjoni fl-edukazzjoni u qegħdin ineħħu l-edukazzjoni speċjali u l-klassijiet separati. Oħrajn qegħdin iwaqqfu strutturi għall-ġbir sistematiku tad-dejta dwar inċidenti razzisti u l-prattika diskriminatorja.

# 6. Il-vjolenza u l-kriminalità razzista

L-informazzjoni li hija disponibbli għall-perjodu bejn l-2004 – 2005 tindika li l-vjolenza u l-kriminalità razzista tkompli tkun problema għaddiena fl-UE25 u hemm provi li din tidher f'forom differenti li ġeneralment mhumiex reġistrati sew mill-mekkaniżmi uffiċjali ta' ġbir tad-dejta.

Il-fatt li numru ta' Stati Membri għadd m'għandhomx fis-seħħ mekkaniżmi uffiċjali tal-ġustizzja kriminali għall-ġbir tad-dejta sabiex jirreġistraw u jagħmlu disponibbli b'mod pubbliku l-informazzjoni dwar il-vjolenza u l-kriminalità razzista, qisu jindika li l-problema qegħda tiġi ttraskurata f'ħafna mill-UE. Fil-perjodu tar-rappurtaġġ ta' bejn l-2004 – 2005 ma kien hemm disponibbli ebda dejta uffiċjali dwar il-vjolenza u l-kriminalità razzista f'ħames Stati Membri jiġifieri l-Greċja, Spanja, l-Italja, Ċipru u Malta. Fl-istess perjodu, disa' Stati Membri ġew ikklassifikati bħala li għandhom fis-seħħ mekkaniżmi uffiċjali limitati għall-ġbir tad-dejta li, jew jiffukaw fuq numru limitat ta' investigazzjonijiet u każijiet tal-qorti, jew li jiġbru l-informazzjoni b'mod iżjed ġenerali fuq id-diskriminazzjoni aktar milli b'mod speċjali fuq il-vjolenza u l-kriminalità razzista, jiġifieri l-Belġju, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Olanda, il-Portugall u s-Slovenja.

Fl-istess waqt, disa' Stati Membri ġew ikklassifikati bħala li għandhom mekkaniżmi 'tajbin' fis-seħħ għar-reġistrazzjoni tar-rapporti u tar-reġistrazzjoni tar-reati u/jew sistema li tiffoka fuq il-problema partikolari ta' l-estremiżmu tal-lemin/reati ta' mibgħeda, jiġifieri r-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza, l-Irlanda, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovakja u l-Iżvezja. Fl-aħħarnett, żewġ Stati Membri biss – il-Finlandja u r-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales) ġew ikklassifikati bħala li għandhom mekkaniżmi 'wiesgħin' fis-seħħ li kienu juru ġbir estensiv ta' dejta li setgħet tipprovdi wkoll dettalji dwar il-karatteristiċi tal-vittmi.

## Tendenzi

Meta wieħed iħares lejn il-ħdax-il Stat Membru li fihom hija disponibbli d-dejta uffiċjali tal-ġustizzja kriminali għall-perjodu 2000 – 2005 u meta tiġi kkalkulata l-medja tal-bidliet fil-perċentwali sena wara sena tar-reati rrapportati/reġistrati, jista' jiġi nnotat dan li ġej (fuq il-bażi tad-dejta l-iżjed komprensiva li hija disponibbli għal kull Stat Membru, li f'ċerti każijiet tkopri biss 2000 – 2004 jew 2001 – 2005): tmienja esperjenzaw tendenza ġenerali ta' żieda fir-reati razzisti rrapportati/rreġistrati waqt dan il-perjodu: id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza, l-Irlanda, il-Polonja, is-Slovakja, il-Finlandja u r-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales); tlieta mill-ħdax esperjenzaw tendenza ġenerali ta' tnaqqis fir-reati razzisti rrapportati/rreġistrati matul dan il-perjodu: ir-Repubblika Ċeka, l-Awstrija u l-Iżvezja. Dawn it-tendenzi, iżda jridu jiġu interpretati b'attenzjoni peress li huma indikattivi għall-bidliet fil-prattika ta' reġistrazzjoni f'kull Stat Membru daqs kemm huma indikattivi għall-livell reali tal-vjolenza u l-kriminalità razzista. Peress

li l-ġbir tad-dejta huwa differenti f'kull Stat Membru, it-tqabbil tat-tendenzi jista' jsir biss ġewwa l-Istati Membri nfushom u mhux bejniethom.

Fil-qosor – jista' jiġi ddikjarat b'mod ġenerali, bi ftit eċċezjonijiet, li l-Istati Membri li għandhom mekkaniżmi uffiċjali tal-ġustizzja kriminali għall-ġbir tad-dejta żviluppati sew, għandhom it-tendenza li juru livelli ogħla ta' vjolenza u kriminalità razzista rrapportata jew irreġistrata, waqt li l-Istati Membri b'mekkaniżmi mhux adegwati għall-ġbir tad-dejta ma juru l-ebda dejta jew dejta limitata dwar il-vjolenza u l-kriminalità razzista.

## Informazzjoni mill-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi

Minħabba l-limitazzjonijiet fil-ġbir tad-dejta uffiċjali, bħalissa, sorsi mhux uffiċjali ta' l-Organizzazzjonijiet mhux Governattivi jimlew il-vojt dwar 'liema' huma l-gruppi ta' vittmi l-iżjed vulnerabbli. Fl-2004-2005, l-Organizzazzjonijiet mhux Governattivi wrew li dawk li jfittxu asil, ir-refuġjati u l-immigranti kienu fost dawk il-gruppi li kienu l-aktar vulnerabbli li jesperjenzaw vjolenza u kriminalità razzista. Li huwa ta' tħassib akbar huwa li spiss, dawn in-nies ibagħtu minn abbuż minn uffiċjali pubbliċi – inklużi l-uffiċjali tal-pulizija. B'mod partikolari, l-Organizzazzjonijiet mhux Governattivi mill-Istati Membri tan-Nofsinhar identifikaw numru ta' każijiet ta' abbuż li jinvolvu l-uffiċjali pubbliċi.

Rapporti mill-Istati Membri tal-lvant u tan-nofsinhar juru wkoll li r-Roma huwa mira partikolari għall-vjolenza u l-kriminalità razzista, kemm mill-pubbliku in ġenerali kif ukoll mill-uffiċjali pubbliċi. Mill-banda l-oħra, il-Lhud ikomplu jesperjenzaw inċidenti antisemitiċi li għandhom it-tendenza li jkunu ddokumentati sew, kemm minn sorsi uffiċjali, kif ukoll minn sorsi mhux uffiċjali. U avolja, l-esperjenzi tagħhom jibqgħu ma jkunux dokumentati sew, il-Musulmani dejjem qegħdin jiġu aktar fl-attenzjoni ta' l-Organizzazzjonijiet mhux Governattivi bħala vittmi tal-vjolenza u tal-kriminalità razzista.

## 'Il-prattika tajba'

Bħala bilanċ għar-rapporti uffiċjali u mhux uffiċjali dwar il-vjolenza u l-kriminalità razzista, fl-2004-2005 ġew identifikati, numru ta' inizjattivi ta' 'prattika tajba' li jippruvaw iwieġbu għall-problema b'diversi modi. Huwa ta' inkoraġġament li minħabba l-ineffiċjenza ta' ħafna mill-mekkaniżmi uffiċjali għall-ġbir tad-dejta, numru ta' inizjattivi jiffukaw fuq tweġibiet prattiċi sabiex itejbu l-ġbir tad-dejta mill-pulizija fuq il-vjolenza u l-kriminalità razzista. Inizjattivi oħra jvarjaw minn eżempji konkreti għal interventi prattiċi li jinvolvu lil dawk li jiksru l-liġi jew lil dawk li potenzjalment jistgħu jiksru l-liġi permezz ta' inizjattivi li jiffukaw fuq il-vittmi.

# 7. L-iżviluppi ta' l-UE fil-politika u fil-leġislazzjoni

Il-ġlieda kontra r-razziżmu tkompli tkun qasam ta' attività wiesgħa fl-Unjoni Ewropea, kif jidher mill-aħħar Kapitolu tematiku tar-Rapport Annwali. L-attività tieħu l-forma ta' miżuri leġiżlattivi u politiċi u ta' firxa ta' azzjonijiet ta' appoġġ sabiex tiżdied l-informazzjoni u l-kapaċità ta' l-atturi ewlenin fis-soċjetà. L-attenzjoni ewlenija ta' l-attività ta' l-UE fil-ġlieda kontra r-razziżmu u fil-promozzjoni ta' l-ugwaljanza razzjali fl-Unjoni, tkompli tkun fl-oqsma li għandhom x'jaqsmu man-nuqqas ta' diskriminazzjoni u ugwaljanza, mal-ġustizzja, mal-libertà u mas-sigurtà.

## L-ugwaljanza, in-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-inklużjoni soċjali

Fl-2005, il-Kummissjoni addottat Komunikazzjoni, Nuqqas ta' diskriminazzjoni u opportunitajiet ugwali għal kulħadd – strateġija ta' qafas. Il-Komunikazzjoni saret flimkien mal-Proposta għal Deċiżjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill dwar is-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Ugwali għal Kulħadd (2007). Is-Sena Ewropea 2007 hija ċ-ċentru ta' l-istrateġija ta' qafas, u hija mfassla sabiex jiġi assigurat li d-diskriminazzjoni tiġi ttrattata b'mod effettiv, tiġi ċċelebrata d-diversità u ssir promozzjoni għall-opportunitajiet ugwali għal kulħadd. L-istrateġija tħares lejn dak li l-Unjoni Ewropea tista' tagħmel aktar sabiex tiġġieled id-diskriminazzjoni u tippromwovi l-ugwaljanza b'mod li jmur lil hinn mill-protezzjoni legali tad-drittijiet ta' l-individwu għal trattament ugwali.

## Ir-Roma

Il-Kapitolu juri li s-sitwazzjoni tal-komunità tar-Roma tkompli tkun fuq quddiem fl-aġenda politika ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Parlament Ewropew talab lill-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati sabiex isaħħu l-leġislazzjoni nazzjonali u l-miżuri amministrattivi sabiex jiġġieldu l-mibgħeda lejn iż-żingari/Romafobija u sabiex jipprojbixxu d-diskriminazzjoni, kemm diretta kif ukoll indiretta, lejn ir-Roma, fl-oqsma kollha tal-ħajja pubblika. Saħaq ukoll b'mod speċifiku għal azzjoni kontra d-diskriminazjzoni tar-Roma fis-suq tax-xogħol u fl-akkomodazzjoni u li jiġi assigurat aċċess ugwali fil-kura tas-saħħa, u li fis-sistemi edukattivi ma jkunx hemm segregazzjoni. Talab ukoll lill-Kummissjoni sabiex tħejji komunikazzjoni u pjan ta' azzjoni dwar kif l-UE tista' tippromwovi sforzi sabiex ikun hemm integrazzjoni ekonomika, politika u soċjali aħjar tar-Roma. Il-Kummissjoni nfisha ħeġġet lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex iqisu l-bżonnijiet tar-Roma meta jkunu qegħdin jabbozzaw il-pjanijiet ta' azzjoni Nazzjonali għall-impjiegi u għall-inklużjoni soċjali.

## Id-Drittijiet Fundamentali

F'April 2005, il-Kummissjoni addottat mekkaniżmi, sabiex b'mod sistematiku, teżamina l-proposti leġiżlattivi kollha u tara jekk dawn jikkonformawx ma' l-Istatut tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-UE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti tagħha għall-promozzjoni tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja fil-qafas finanzjarju li jmiss għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013. Sabiex timplimenta b'mod sħiħ il-kunċett taċ-ċittadinanza Ewropea, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi stabbilit il-Programm ta' Qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja. Il-programm se jippermetti li jiġu żviluppati azzjonijiet li jkunu indipendenti mil-livelli nazzjonali, (eżempju, ko-operazzjoni ġudizzjarja, kemm fi kwistjonijiet ċivili kif ukoll fi kwistjonijiet kriminali), jippermetti lill-individwi privati u lin-negozji sabiex jaffermaw l-interessi ċivili u kummerċjali tagħhom fi Stati Membri oħra, u jimmira sabiex jassigura li r-reati u dawk li jwettquhom dejjem jieħdu dak li ħaqqhom.

## Il-libertà u s-sigurtà

Il-"Programm ta' The Hague", bejn l-2005 u l-2009, ikopri l-aspetti kollha tal-politika fil-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja, u jinkludi, fost affarijiet oħra, id-drittijiet fundamentali u ċ-ċittadinanza, l-integrazzjoni, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-ko-operazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija u l-liġi ċivili. Il-programm, għalhekk, jirrappreżenta prijorità ewlenija għall-aġenda ta' l-Unjoni għall-2005. F'Mejju, 2005, il-Kummissjoni ppreżentat pjan ta' azzjoni u kalendarju sabiex jiġi implimentat il-programm. Il-Parlament Ewropew wieġeb billi reġa' ddikjara l-'opinjoni soda tiegħu' li t-twaqqif ta' *żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja* teħtieġ impenn akbar min-naħa ta' l-istituzzjonijiet nazzjonali u Ewropej sabiex issir promozzjoni għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Ir-Riżoluzzjoni enfasizzat li politika Ewropea dwar l-integrazzjoni kienet teħtieġ li tipprovdi integrazzjoni xierqa fis-suq tax-xogħol, id-dritt għall-edukazzjoni u t-taħriġ, l-aċċess għas-servizzi soċjali u għas-saħħa u l-parteċipazzjoni ta' l-immigranti fil-ħajja soċjali, kulturali u tal-politika. Il-konnessjoni bejn l-integrazzjoni u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni reġgħet ġiet enfasizzata fir-*riżoluzzjoni sussegwenti fuq l-immigrazzjoni legali u illegali u l-integrazzjoni ta' l-immigranti* li kkunsidrat "l-azzjoni sabiex jiġu miġġielda d-diskriminazzjoni, ir-razziżmu u l-ksenofobija bħala komponent essenzjali tal-politika ta' l-integrazzjoni".

# 8. Konklużjonijiet

Ir-Rapport Annwali ta' l-EUMC ta' din is-Sena ġabar informazzjoni mill-25 Stat Membru li għandhom storja u tweġibiet differenti ħafna għall-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-immigrazzjoni u d-diversità etnika, u li għandhom tradizzjonijiet differenti ħafna ta' għarfien u ta' attivitajiet kontra r-razziżmu u kontra d-diskriminazzjoni. Minkejja d-differenza fin-natura ta' l-informazzjoni li nġabret, hemm xi temi rikorrenti bejn il-pajjiżi li fl-2005 jidhru b'mod ċar li huma komuni għal ħafna, u f'xi każijiet għall-maġġoranza, ta' l-Istati Membri.

## L-għarfien tad-diskriminazzjoni fl-impjiegi

Qasam ewlieni, kemm fid-dibattiti dwar ir-riċerka kif ukoll fid-dibattiti dwar il-politika pubblika, fl-interpretazzjoni tad-diviżjoni etnika tas-suq tax-xogħol u tal-pożizzjoni ta' segregazzjoni u subordinazzjoni ta' l-immigranti u tal-minoranzi, iffoka fuq il-livell li fih din is-sitwazzjoni għandha tiġi spjegata permezz tan-nuqqasijiet fl-edukazzjoni jew ta' nuqqasijiet oħra tal-popolazzjoni ta' l-immigranti (fatturi min-naħa tal-provvista) jew permezz ta' prattika ta' esklużjoni min-naħa ta' dawk li jħaddmu u mill-istituzjonijiet tas-soċjetà (fatturi min-naħa tad-domanda). Is-suppożizzjonijiet tan-nuqqasijiet li hemm fil-popolazzjoni ta' l-immigranti u tal-minoranza, tradizzjonalment huma kbar fil-kuxjenza pubblika, u spiss huwa biss meta jsiru u jiġu ppubblikati r-riċerki jew l-investigazzjonijiet speċjali dwar id-diskriminazzjoni, u meta tidħol fis-seħħ leġislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni u l-każijiet jitressqu il-qorti, li s-suppożizzjonijiet ġenerali dwar in-nuqqasijiet min-naħa tal-provvista jiġu bbilanċjati minn għarfien akbar dwar is-segregazzjoni u d-diskriminazzjoni. Kien hemm diversi żviluppi fl-2005 li ssuġġerew li f'numru ta' Stati Membri l-għarfien dwar id-diskriminazzjoni u l-ħtieġa li ssir xi ħaġa dwarha, qiegħed jikber fil-ħsibijiet ta' dawk li jfasslu l-politika, inklużi inizjattivi ġodda sabiex tinġabar statistika uffiċjali jew sabiex tiġi kkummisjonata riċerka li tidentifika b'mod iżjed preċiż il-livell u n-natura tal-problema.

Raġuni waħda għal dan it-tkabbir apparenti fl-għarfien dwar id-diskriminazzjoni razzjali/etnika tista' tkun l-introduzzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali li kellha tiġi implimentata sa Lulju 2005. Kif ġie deskritt f'Kapitolu 2 dwar il-leġislazzjoni, fl-2005 il-proċess ta' implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali tlesta f'xi Stati Membri (fl-aħħar ta' l-2005, il-Kummissjoni kienet waslet fl-aħħar tal-proċess li tanalizza jekk l-implimentazzjoni kinitx saret b'mod korrett), u kienet għadha qegħda ssir f'xi Stati Membri oħra, u abbozz tal-leġislazzjoni kien ġie ntrodott fil-parlament fil-maġġoranza ta' l-Istati Membri ta' l-UE. Entitajiet speċjalizzati fil-promozzjoni tat-trattament ugwali ġew imwaqqfa f'ħafna mill-Istati Membri, u oħrajn ingħataw is-setgħa li jieħdu azzjoni legali f'isem il-vittmi tad-diskriminazzjoni jew li jappoġġaw lill-vittmi tad-diskriminazzjoni b'mod li jmur lil hinn mil-livell minimu meħtieġ skond id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali. Jekk dawn il-poteri jiġu eżerċitati, dawn

jikkontribwixxu b'mod pożittiv sabiex id-Direttivi jkunu effettivi u jgħinu wkoll sabiex iżidu l-għarfien tal-pubbliku fuq dawn il-kwistjonijiet.

L-għarfien tal-pubbliku żdied ukoll permezz tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Komunità sabiex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni, li ġie ppreżentat wara d-dħul fis-seħħ taż-żewġ Direttivi dwar l-Ugwaljanza. Il-programm tfassal sabiex jappoġġa l-attivitajiet immirati għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Parti mill-programm hija l-kampanja ta' informazzjoni ma' l-Unjoni Ewropea kollha "Id-Diversità – kontra d-Diskriminazzjoni", li tippromwovi messaġġ pożittiv dwar id-diversità u li tipprovdi fatti u informazzjoni dwar id-diskriminazzjoni.[4].

## Implimentazzjoni mhux uniformi tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali

Minkejja ż-żieda fl-għarfien tad-diskriminazzjoni, għad hemm xi problemi f'xi oqsma. Fir-Rapport tagħha ta' l-2005 dwar l-Ugwaljanza u n-Nuqqas ta' diskriminazzjoni, il-Kummissjoni tinnota li numru ta' Stati Membri ma ssodisfawx it-terminu ta' żmien għall-komunikazzjoni lill-Kummissjoni, ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali, u fl-2005, il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea ddeċidiet li, f'dan il-każ, erba' pajjiżi kienu naqqsu milli jonoraw l-obbligi tagħhom. Għandu jiġi kkunsidrat jekk dan id-dewmien, f'ċerti każijiet, jirriflettix prijorità uffiċjali baxxa fuq livelli nazzjonali dwar il-kwistjoni tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni. Waqt li baqgħet għaddejja diskussjoni kbira fuq livell nazzjonali u ta' l-UE matul l-2005 dwar l-importanza tal-miżuri sabiex tiġi mtejba l-integrazzjoni ta' l-immigranti fl-Istati Membri ta' l-UE jidher li għadha ma ngħatatx importanza speċifika biżżejjed għall-miżuri kontra d-diskriminazzjoni bħala parti minn dan il-proċess. Iżda, mingħajr ma jiġu trattati l-effetti negattivi tad-diskriminazzjoni, miżuri oħrajn ta' l-integrazzjoni ma jkunux effettivi. Per eżempju, kif jidher f'Kapitolu 3 dwar l-impjiegi, diversi studji ppubblikati matul l-2005 fi Stati Membri differenti waslu għal konklużjonijiet simili – li l-edukazzjoni fiha nfisha mhijiex biżżejjed sabiex tnaqqas id-differenza, u li n-nuqqas ta' ugwaljanza fis-suq tax-xogħol tibqa' anke għal dawk l-immigranti u l-minoranzi li jkollhom kwalifiki edukattivi komparabbli ma' dawk tal-maġġoranza. Dawn ir-riżultati ma jmorrux kontra l-konnessjoni li hemm bejn l-impjiegi u l-edukazzjoni iżda minflok jindikaw il-ħtieġa ta' miżuri addizjonali mill-awtoritajiet sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess ta' l-immigranti fis-suq tax-xogħol. B'mod partikolari juru l-ħtieġa ta' miżuri li jittrattaw l-attitudnijiet razzisti u l-ksenofobiċi u l-prattika tad-diskriminazzjoni. Din il-kwistjoni hija partikolarment sinjifikanti peress li ħafna mid-diskors dwar l-integrazzjoni f'dawk l-istati ta' l-UE li jilqgħu l-immigranti, huwa ddominat mill-ideja li l-integrazzjoni tinkiseb permezz tas-suq tax-xogħol, u li l-aċċess għas-suq tax-xogħol jinkiseb permezz ta' l-edukazzjoni.

---

4. http://www.stop-discrimination.info/.

## Inadegwatezza tad-dejta

Sfortunatament, l-identifikazzjoni effettiva u t-trattamemt tal-prattika diskriminatorja, fost affarijiet oħra, tiddependi fuq dejta adegwata f'dan il-qasam. Bħal fir-Rapporti Annwali preċedenti, dan ir-rapport jikkonferma li ħafna Stati Membri għad għandhom sistemi mhux adegwati sabiex jirreġistraw l-inċidenti razzisti u diskriminatorji fl-impjiegi, fl-akkomodazzjoni u fl-edukazzjoni. L-għarfien relattivament baxx tal-problema tad-diskriminazzjoni f'xi Stati Membri huwa relatat mal-fatt li l-mudelli tan-nuqqas ta' ugwaljanza li jindikaw il-ħidma tad-diskriminazzjoni ma jidhrux.

Id-disturbi urbani f'Pariġi, per eżempju, jiġbdu attenzjoni għall-fatt li hemm ftit dejta uffiċjali dwar in-nuqqas ta' ugwaljanza fl-akkomodazzjoni u d-diskriminazzjoni fl-impjiegi, minn banda għaliex ma hemm l-ebda sistema fis-seħħ dwar il-kategorizzazzjoni ta' gruppi. Meta din d-dejta dwar l-oriġini etnika/nazzjonali tkun nieqsa, ikun hemm tnaqqis fl-abilità li jiġi identifikat in-nuqqas ta' ugwaljanza, u tinġibed l-attenzjoni fuq il-proċeduri sospettati ta' diskriminazzjoni diretta jew indiretta u li tiġi evalwata b'suċċess il-politika kontra d-diskriminazzjoni. Din m'hijiex kwistjoni biss fl-oqsma ta' l-impjiegi u ta' l-akkomodazzjoni. Kapitolu 5 dwar l-edukazzjoni jinnota li hemm nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' inċidenti razzisti u diskriminatorji fil-qasam ta' l-edukazzjoni, f'ħafna mill-Istati Membri ta' l-UE. Barra minn hekk, id-dejta dwar l-edukazzjoni ta' gruppi etniċi/nazzjonali differenti, hija, f'ħafna Stati Membri jew disponibbli parzjalment jew mhijiex disponibbli. Bħal fil-każ ta' l-impjiegi u ta' l-akkomodazzjoni, dawn l-istatistiċi jkunu ta' valur biss sabiex tinkiseb informazzjoni affidabbli dwar il-kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni diretta u indiretta, u jistgħu wkoll iżidu l-preċizjoni u l-effiċjenza tal-miżuri ta' prattika tajba.

L-Istati Membri spiss iħossu b'mod ġenwin li jkollhom raġunijiet tajbin l-għala ma jiġbrux din id-dejta. Uħud jargumentaw li din mhijiex ommissjoni passiva iżda politika attiva sabiex jiġu evitati statistiċi bħal dawn. Per eżempju id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta ta' l-1995, tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, hija msemmija minn uħud bħala barriera għall-ġbir tad-dejta dwar l-etniċità peress li tipprojbixxi l-użu ta' informazzjoni personali meta l-individwi huma identifikati jew jistgħu jiġu identifikati[5]. Id-Direttiva iżda teżenta b'mod speċifiku d-dejta li tkun saret b'mod anonimu. Dan jidher li jagħti l-iskop għal ġbir tad-dejta dwar l-etniċità għal għanijiet statistiċi. F'dan il-każ huwa partikolarment sinjifikanti li ġewwa Franza, il-*Commission Nationale de l'Informatique et des Libertés* (CNIL) iddikjarat, f'rakkomandazzjoni fl-2005, li l-leġislazzjoni Franċiża dwar il-protezzjoni tad-dejta ma tipprojbixxix il-ġbir "temporanju" ta' ċerta informazzjoni

---

[5] Id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta ta' l-UE – 95/46/KE – paragrafu 26; ara http://europa.eu.int/comm/internal_market/privacy/law-en.htm (11.05.2006).

dwar l-oriġini etnika ta' individwu sakemm dan isir biss għal għanijiet ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni jekk jiġu assigurati ċerti protezzjonijiet sabiex tiġi assigurata l-anonimità ta' l-istatistika.

Fl-2005 kien hemm sinjali li xi Stati Membri, inkluż Franza, kienu qegħdin iħarsu b'mod iżjed simpatetiku lejn kwistjonijiet ta' reġistrazzjoni ta' l-oriġini etnika/nazzjonali, milli kienu fis-snin preċedenti. Per eżempju, ġewwa Franza, ġie rrapportat li xi servejs uffiċjali issa qegħdin jużaw kategoriji li huma viċin dawn il-varjabbli u li dawk li jħaddmu qegħdin jibdew jinnutaw id-'diversità ta' l-oriġini' ta' l-istaff tagħhom u ta' dawk li japplikaw għall-impjiegi. Servej Franċiż fl-2005 wera li fil-kuntest tad-diskriminazzjoni huma kienu jħossu li kienu bagħtew fis-suq ta' l-impjiegi, 80 fil-mija tal-gradwati suwed ta' oriġini Afrikana jew mill-Maghreb kienu lesti li jwaħħlu fl-oriġini etnika tagħhom.[6]

## Il-Ħtieġa ta' Azzjoni kontra l-Vjolenza Razzista

B'mod simili, waħda mill-konklużjonijiet ewlenin tal-Kapitolu 6 dwar il-vjolenza u l-kriminalità razzista hija, li fil-preżent, ħafna mill-Istati Membri għandhom fis-seħħ mekkaniżmi mhux adegwati u ineffettivi għall-ġbir tad-dejta, li l-aħjar li jistgħu joffru hija biss stampa parzjali tal-firxa u n-natura tal-vjolenza u l-kriminalità razzista. Sa ċertu punt, sorsi mhux uffiċjali tad-dejta minn entitajiet bħall-Organizzazzjonijiet mhux Governattivi jistgħu jimlew il-vojt li jħalli l-ġbir uffiċjali tad-dejta, iżda dawn ma jistgħux jkunu mistennija li jipprovdu l-informazzjoni li l-Istat għandu r-responsabbilità li jipprovdi. Huwa iżjed adegwat li dan ix-xogħol isir mill-Istati Membri, li għandhom isegwu t-tmexxija tal-Kummissjoni Ewropea u li għandhom jagħtu prijorità adegwata għall-ġbir tad-dejta dwar il-vjolenza razzista bl-għan li jitjiebu t-tweġibiet tal-ġustizzja kriminali u soċjali għal din il-vjolenza. Il-mekkaniżmi uffiċjali mtejba għall-ġbir tad-dejta jkunu jistgħu jipprovdu lill-aġenziji tal-ġustizzja kriminali u lil dawk li jfasslu l-politika, b'dejta dettaljata li tħallihom jużaw ir-riżorsi tagħhom b'mod iżjed preċiż kontra l-problema tal-vjolenza u l-kriminalità razzista. Benefiċċju ieħor tal-ġbir imtejjeb tad-dejta huwa li jagħti l-messaġġ li r-razziżmu jittieħed bis-serjetà bħala 'marda' soċjali u kriminali.

F'dan l-isfond tal-ġbir differenti tad-dejta fil-ġurisdizzjonijiet differenti ta' l-UE, il-Proposta għal Deċiżjoni ta' l-Istruttura tal-Kunsill għall-ġlieda kontra r-Razziżmu u l-Ksenofobija[7], tal-Kummissjoni, ta' l-2001, tipproponi li jiġi stabbilit qafas Ewropew sabiex l-offiżi Razzisti u Ksenofobiċi jiġu miġġielda. Għan ċentrali tad-Deċiżjoni ta' l-Istruttura huwa li jiġu msaħħa l-miżuri tal-liġi kriminali li għandhom l-għan li jqarrbu l-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-offiżi razzisti u ksenofobiċi ta' xulxin. Jekk tiġi addottata d-Deċiżjoni ta' l-Istruttura, ikun sar pass fid-direzzjoni t-tajba lejn livell minimu komuni għall-ġbir

---

6 *Enquête sur la France de la diversité* li sar minn Sopi, http://www.sopi.fr/ (11.05.2006).

7 COM (2001) 664 final – Proposta għal Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar il-Ġlieda tar-Razziżmu u l-Ksenofobija.

ta' dejta dwar il-vjolenza u l-kriminalità razzista. Fiż-żmien li qiegħed isir dan ir-Rapport, din l-ambizzjoni għadha 'l bogħod minħabba li diversi Stati Membri qajjmu oġġezzjonijiet u tħassib fil-każ tal-kontenut u l-formulazzjoni tal-Proposta[8]. Minkejja dan, il-kwistjoni għadha fuq l-aġenda ta' l-UE u ġiet magħżula sabiex tiġi diskussa waqt konferenza fi Vjenna fl-2005 taħt il-Presidenza Awstrijakka.

Kif jindika Kapitolu 6 dwar il-Vjolenza u l-Kriminalità Razzista, ċerti gruppi ta' immigranti u ta' minoranzi etniċi jkomplu jkunu partikolarment vulnerabbli għall-vittimizzazzjoni razzista u ksenofobika – kemm mill-pubbliku in ġenerali, kif ukoll mill-uffiċjali pubbliċi, inkluż il-pulizija. Gruppi vulnerabbli, jinkludu dawk li jfittxu asil, ir-refuġjati u l-immigranti li mhumiex dokumentati, ir-Roma, il-Lhud u l-Musulmani. Il-vulnerabilità ta' dawn il-gruppi hija enfasizzata b'mod ċar min-nuqqas ta' tweġiba uffiċjali mill-awtoritajiet tal-ġustizzja kriminali – mill-pulizija u mill-ġudikatura – għall-problema tal-vjolenza u tal-kriminalità razzista fil-maġġoranza ta' l-Istati Membri. Kif jidher min-nuqqas ta' ġbir ta' dejta uffiċjali adegwata dwar il-fenomenu tal-vjolenza u tal-kriminalità razzista jidher ċar li l-vittmi, f'ħafna mill-UE, mhumiex moqdija sew mis-sistemi tal-ġustizzja kriminali. Sa ma jsiru dawn il-bidliet, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi ser ikomplu jimlew ftit mill-vojt fl-għoti tad-dejta kif ukoll fl-għoti tas-servizz f'numru ta' Stati Membri.

## Il-valur tar-riċerka

Fin-nuqqas ta' statistiċi uffiċjali iżjed dettaljati huwa spiss il-każ li r-riċerka speċjalizzata tista' tagħti ħarsa aħjar lejn in-nuqqas ta' ugwaljanza etnika u tar-raġunijiet għaliha, jew għaliex ir-riċerkaturi jistgħu jingħataw permess sabiex ikollhom aċċess għal dejta uffiċjali eżistenti dwar l-oriġini etnika/nazzjonali li hija iżjed dettaljata minn dik li hija disponibbli bħala rutina għall-pubbliku, jew għaliex ir-riċerkaturi jistgħu jibnu varjabbli ta' oriġini etnika/nazzjonali fil-kampjuni tad-dejta tagħhom stess. Ir-riċerka speċjalizzata tista' timla l-vojt fl-għarfien dwar l-esperjenzi ta' razziżmu u diskriminazzjoni tal-vittmi u tista' tenfasizza dak li b'mod ieħor ma jiġix faċilment għall-għarfien tal-pubbliku permezz tal-każijiet tal-Qorti. Il-każijiet rapportati mill-vittmi jippreżentaw biss stampa parzjali tal-problema tar-razziżmu u tad-diskriminazzjoni peress li hemm ħafna forzi soċjali u istituzzjonali li jaffettwaw il-probabilità li jirrappurtawhom. Għalhekk, metodu wieħed sabiex tinkiseb iżjed informazzjoni huwa billi jsiru servejs fuq dawk il-gruppi soċjali li huma l-aktar vulnerabbli għad-diskriminazzjoni. Kapitolu 3 dwar l-impjiegi jinnota li dawn l-istudji dwar l-esperjenzi tal-vittmi saru f'sitt Stati Membri differenti matul l-2005, ħafna iżjed milli ġew irrapportati fis-snin preċedenti.

---

8 Netwerk ta' Esperti Indipendenti ta' l-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali (28 ta' Novembru 2005) 'Il-Ġlieda kontra r-Razziżmu u l-Ksenofobija permezz tal-Leġiżlazzjoni Kriminali: Is-Sitwazzjoni fl-Istati Membri ta' l-UE'; http://cridho.cpdr.ucl.ac.be/Avis%20CFR-CDF/Avis2005/CFR-CDF.Opinion5-2005.pdf (11.05.2006).

Metodu ieħor ta' riċerka msemmi fl-2005 huwa l-ittestjar tad-diskriminazzjoni, fejn żewġ applikanti li jixxiebħu sew wieħed minn grupp ta' minoranza u l-ieħor mill-maġġoranza jintbagħtu sabiex japplikaw għall-impjieg jew għall-akkomodazzjoni. L-isponser l-iżjed sinjifikanti għal dawn it-testijiet fil-qasam ta' l-impjiegi kien l-ILO, li fil-passat riċenti wettaq testijiet huwa stess fil-ħames pajjiżi Ewropej li servew bħala mudell għal dawn it-testijiet f'pajjiżi oħrajn. Ir-Rapport Annwali ta' l-EUMC tas-Sena l-oħra rrefera għal ħafna testijiet fuq id-diskriminazzjoni mwettqa fl-2004 avolja dawn saru mill-ġurnalisti fuq skala relattivament baxxa. Din is-sena kien hemm ferm inqas testijiet li ġew irrapportati. Minkejja dan, kien hemm żviluppi importanti f'żewġ pajjiżi li kienu notevolament nieqsa mill-programm ta' testijiet li kien sar qabel mill-ILO, jiġifieri l-Iżvezja u Franza. Fis-snin preċedenti, l-awtoritajiet f'dawn iż-żewġ pajjiżi kienu rrifjutaw l-opportunità li jipparteċipaw f'dawn l-esperimenti għal raġunijiet differenti. Fl-2005, iżda ż-żewġ gvernijiet stiednu lill-ILO sabiex tagħmel programm ta' ttestjar fuq id-diskriminazzjoni f'numru ta' bliet, u r-riżultati għandhom jiġu rapportati fl-2006. Dan l-iżvilupp jista' jkun indikazzjoni oħra ta' l-għarfien uffiċjali tal-ħtieġa li l-problema tad-diskriminazzjoni fix-xogħol tittieħed bis-serjetà u l-importanza li tinġabar informazzjoni dwarha. B'mod simili, fil-każ tal-qasam ta' l-aċċess għall-akkomodazzjoni, Kapitolu 4 tar-Rapport Annwali juri li dan l-ittestjar qiegħed jiġi kkunsidrat mill-awtoritajiet Żvediżi u li diġà twettaq fl-2005 mir-riċerkaturi fl-Irlanda u fi Franza, u t-testijiet urew li l-barranin u l-immigranti jkomplu jiġu ttrattati b'mod differenti mis-sidien u mill-aġenziji ta' l-akkomodazzjoni. L-ittestjar jibqa' metodu siewi ta' kif tinġibed l-attenzjoni pubbliku fuq problema li għadha mhijiex magħrufa sew u f'xi pajjiżi r-riżultati ta' dawn it-testijiet jistgħu jintużaw bħala provi fi proċeduri legali.

## Kif qegħda tiġi trattata s-segregazzjoni

Is-segregazzjoni hija kwistjoni li hija msemmija kemm fil-Kapitolu ta' l-edukazzjoni, kif ukoll fil-Kapitolu ta' l-akkomodazzjoni fir-Rapport Annwali. Il-kwistjoni tas-segregazzjoni parzjali jew anke totali fl-edukazzjoni għadha kwistjoni ta' tħassib kbir f'ħafna partijiet ta' l-UE. Kif jidher f'Kapitolu 5 dwar l-edukazzjoni, analiżi u ħarsa ġenerali lejn l-istudji ta' l-edukazzjoni ma' l-Ewropa kollha, PISA, u studji oħra li saru fl-2005, ikkonkludew li s-sistemi skolastiċi li jiddiferenzjaw u li jissegregaw qegħdin fil-fatt jipproduċu u jirriproduċu sitwazzjoni ta' nuqqas ta' ugwaljanza. Ir-Roma f'numru ta' Stati Membri huma partikolarment affettwati mis-segregazzjoni u minn forom oħra ta' diskriminazzjoni. Avolja qegħdin jittieħdu xi passi sabiex tiġi mnaqqsa s-segregazzjoni, id-diskriminazzjoni u n-nuqqas ta' edukazzjoni, is-sitwazzjoni ta' l-istudenti tar-Roma għadha waħda prekarja u ser teħtieġ attenzjoni akbar għal ħafna snin oħra.

Is-segregazzjoni hija wkoll kwistjoni li ġiet imqajjma f'Kapitolu 4 dwar l-akkomodazzjoni. Il-gruppi ta' immigranti u ta' minoranzi jinsabu l-aktar f'akkomodazzjonijiet ta' kwalità fqira u spiss dawn ikunu kkonċentrati f'oqsma ġeografiċi li jkunu pjuttost segregati u dan spiss jirrifletti mhux biss nuqqas ta'

aċċess għar-riżorsi, iżda wkoll diskriminazzjoni attiva mill-*gatekeepers*. Iżda, waqt li l-ħtieġa għall-politika għall-attività soċjali sabiex titneħħa s-segregazzjoni hija ġeneralment rikonoxxuta bħala soċjalment neċessarja fil-qasam ta' l-edukazzjoni, l-istampa hija waħda aktar kumplessa fil-qasam ta' l-akkomodazzjoni, u raġuni waħda hija li xi kultant, il-minoranzi jsibu li meta jgħixu fost konċentrazzjoni imdaqqsa ta' nieshom stess, dan jista' jipprovdi livell ta' sigurtà kontra l-manifestazzjonijiet fiżiċi tar-razziżmu. Fl-2005, fi kważi tliet Stati Membri, ġiet irrapportata poltika attiva għat-taħlit soċjali involontarju mill-gvernijiet nazzjonali/muniċipali jew l-assoċjazzjonijiet tad-djar sabiex iħeġġu 'l-integrazzjoni' jew 'il-bilanċ soċjali'. Iżda, kif ġie konkluż mill-awtorità tar-rapport[9] komparattiv dwar l-akkomodazzjoni ta' l-EUMC, ippubblikat fl-2005, m'huwa ċar xejn kemm dan huwa xieraq. Li hu żgur hu li l-ideja ta' 'integrazzjoni' b'dawn il-miżuri tista' ssir kwistjoni politiċizzata ħafna. Ir-rapport komparattiv ikkonkluda li, fuq il-livell ta' ditretti residenzjali, hemm il-perikolu li "t-taħlit attiv tal-popolazzjoni", jista' jiġi identifikat minn dawk li jfasslu l-politika bħala mezz li bih il-minoranzi jistgħu jiġu kkontrollati u li bih jistgħu jaslu sabiex jaddottaw kultura u politika meqjusa bħala uniċi, universali u ġenerali. Ir-rapport seta' jsib ftit provi konkreti li jistgħu jiġġustifikaw it-taħlit involontarju bħala rotta addattata lejn l-integrazzjoni soċjali.

Id-disturbi urbani ġewwa Franza fl-aħħar tas-sena 2005 jistgħu jitqiesu bħala riżultat dirett tal-mudelli ta' segregazzjoni li damu għal ħafna snin. Kif ġie ppreżentat f'Kapitolu 4 dwar l-akkomodazzjoni, l-istudji wrew li l-popolazzjoni barranija hija rrappreżentata l-aktar fl-hekk imsejjħa "żoni urbani problematiċi" fejn in-nuqqas ta' impjiegi fost iż-żgħażagħ jilħaq il-livell ta' l-40 fil-mija. Minkejja l-fatt li kwistjonijiet ta' akkomodazzjoni rċevew prijorità għolja, ġie rrapportat li l-esklużjoni soċjali żdiedet minħabba l-post li fihom ġew żviluppati akkomodazzjonijiet periferali kbar li huma 'l bogħod mill-impjiegi u minn faċilitajiet oħra.[10] Il-Kapitolu jikkwota riċerka li tenfasizza d-differenza bejn l-immigranti u ċ-ċittadini nazzjonali Franċiżi fil-każ tal-kundizzjonijiet fl-akkomodazzjoni, bi, per eżempju, nofs il-popolazzjoni ta' oriġini Afrikana tgħix 'f'akkomodazzjoni ħażina ħafna' meta mqabbla ma' 11 fil-mija tal-popolazzjoni Franċiża,[11] u bl-immigranti, b'mod partikolari dawk mir-reġjun tal-Maghreb ikollhom iżjed probabilità li jgħixu f'akkomodazzjonijiet iffullati u l-mobilità residenzjali tagħhom tkun ristretta f'perimetru iżgħar minn dawk tal-popolazzjoni ta' ċittadini nazzjonali.[12]

---

9. http://eumc.eu.int/eumc/material/pub/comparativestudy/CS-Housing-en.pdf (11.05.2006).
10. Edgar, B. (2005), *Policy measures to ensure access to decent housing for migrants and ethnic minorities*, Joint Centre for Scottish Housing Research, Kummissjoni Ewropea – DĠ għall-Impjiegi u għall-Affarijiet Soċjali.
11. GELD (Groupe d'Etude et de Lutte contre les discriminations) 2001, Les discriminations raciales et ethniques dans l'accès au logement social" Note de synthése n.3.
12. INSEE, Enquête logement 2002.

## Id-diversità tal-prattika fil-każ tas-simboli reliġjużi

Il-kwistjoni dwar jekk is-simboli reliġjużi għandhomx jitħallew jew għandhomx jiġu pprojbiti milli jintwerew kemm fil-qasam ta' l-edukazzjoni kif ukoll fl-akkomodazzjoni waslet għal leġislazzjoni ġdida u għal dibattiti ġodda fl-2005. Fil-każ ta' l-edukazzjoni, il-politika fl-Istati Membri tvarja minn projbizzjoni nazzjonali li jintwera kwalunkwe simbolu reliġjuż fl-iskejjel pubbliċi, għal-libertà assoluta għall-istudenti u għall-għalliema li jilbsu kwalunkwe simbolu reliġjuż. Bejn dawn iż-żewġ estremitajiet hemm politika li tħalli d-deċiżjoni f'idejn l-istati federali jew l-iskejjel individwali, jew li tipprojbixxi biss ċerti simboli reliġjużi waqt li oħrajn mhumiex ikkunsidrati bħala li jiġu affettwati mir-regolament.

Fit-teorija, il-projbizzjoni tas-simboli reliġjużi tista' tiġi kklassifikata bħala diskriminazzjoni indiretta jekk dan ma jkunx iġġustifikat biżżejjed. L-interpretazzjoni ta' dan jista' jvarja fil-prattika. Fil-każ tal-qasam ta' l-impjiegi, fi Stat Membru wieħed (id-Danimarka) tilwima li kienet ilha sejra żmien twil fuq id-dritt ta' supermarket li jkeċċi lil impjegata għaliex libset maktur ma' rasha għal raġunijiet reliġjużi, ġiet deċiża mill-Qorti Suprema. Il-Qorti ddeċidiet li t-tkeċċija kienet waħda ġustifikata u li din ma kinitx tikkostitwixxi diskriminazzjoni. Fi Stat Membru ieħor (l-Olanda) ġie deċiż li skola Islamika ma kellha l-ebda bażi legali biex tiċħad applikant għall-impjieg fuq il-bażi li din *ma kinitx* tilbes maktur f'rasha fuq ix-xogħol.

L-approċċi ferm differenti fil-każ tal-politika dwar il-maktur tar-ras fl-iskejjel jew fuq ix-xogħol bejn diversi Stati Membri, jidhru wkoll fid-differenzi kbar bejn l-attitudnijet tal-pubbliku fuq din il-kwistjoni. Skond Servej ta' l-Attitudnijiet Globali li sar fi 17-il pajjiż, fl-2005, bi tweġiba għall-mistoqsija jekk kienux jaħsbu li hija ideja tajba li l-Musulmani ma jitħallewx jilbsu l-maktur f'rashom, 78 fil-mija tal-Franċiżi li wieġbu qalu iva, meta mqabbla ma' 29 fil-mija biss ta' l-Ingliżi li wieġbu, u l-pajjiżi oħra ta' l-UE jaqgħu bejn dawn iż-żewġ estremitajiet.[13]

## L-istatus legali, l-ugwaljanza u l-vulnerabilità

Il-kwistjoni ta' l-istatus legali hija marbuta direttament ma' kwistjonijiet ta' l-integrazzjoni u ta' l-ugwaljanza ta' l-immigranti u tal-minoranzi. L-aċċess għas-suq tax-xogħol għandu x'jaqsam direttament mat-tip tal-permess tax-xogħol jew tar-residenza li jkollu l-ħaddiem immigrant. Jistgħu jiġu affetwati wkoll drittijiet oħra – per eżempju fl-2005 reġa' tqajjem f'diskussjoni pubblika l-każ ta' ħaddiema mingħajr ċittadinanza Awstrijaka li legalment ma jistgħux jintagħżlu biex jaħdmu fil-kunsilli tax-xogħol fl-Awstrija. L-istatus legali jista' jiddetermina jekk l-immigranti jitħallewx jibdlu l-impjieg tagħhom jew is-settur ta' l-ekonomija li fih jaħdmu. Anke meta ċittadini nazzjonali minn terzi pajjiżi huma residenti legali u

---

[13] 17 *Nation Pew Global Attitudes Survey, Nation Pew Global Attitudes Project,* Washington DC, Lulju 2005: http://www.pewglobal.org (11.05.2006).

permanenti ġewwa Stat Membru, il-liġijiet u r-regolamenti jillimitaw id-drittijiet ta' l-aċċess tagħhom għall-impjiegi. Waqt li ċ-ċittadini nazzjonali minn terzi pajjiżi ma jistgħux jiġu esklużi minn opportunitajiet ta' xogħol fuq il-bażi ta', per eżempju, l-oriġini etnika jew reliġjuża, dawn jistgħu jiġu esklużi fuq il-bażi ta' l-istatus taċ-ċittadinanza tagħhom fil-każijiet ta' ċerti kategoriji ta' xogħlijiet, l-aktar fis-settur pubbliku. (Fi Franza, per eżempju, xi 7 miljun post tax-xogħol – 'il fuq minn kwart tal-persuni li jaħdmu – jibqgħu magħluqin għal xi persuni li mhumiex ċittadini nazzjonali jekk mhux għal dawk kollha li mhumiex ċittadini nazzjonali). Ħadd minnhom ma jista' jfittex xogħol fi Stat Membru ieħor.

Fil-kuntest tar-restrizzjonijiet legali għall-aċċess għall-impjiegi u l-vulnerabilità ta' xi ħaddiema immigranti li għandhom restrizzjonijiet legali, għandha tinġibed l-attenzjoni fuq ir-relevanza tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE dwar l-istatus ta' ċittadini nazzjonali ta' terzi pajjiżi li ilhom residenti għal ħafna żmien. Skond din id-Direttiva dawk li ilhom residenti għal ħafna snin ikollhom id-dritt ta' aċċess għas-suq tax-xogħol bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini nazzjonali (bl-eċċezzjoni ta' dawk l-attivitajiet li jinvolvu l-awtorità pubblika). Id-Direttiva tipprovdi li dawk il-persuni li ilhom residenti fit-tul, ikollhom l-istess kundizzjonijiet tax-xogħol u ta' l-impjiegi bħaċ-ċittadini nazzjonali u tippermetti wkoll dritt limitat ta' mobilità bejn l-Istati Membri għal dawk iċ-ċittadini nazzjonali minn terzi pajjiżi li ilhom residenti għal ħafna snin. Il-limitu ta żmien għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva kien Jannar 2006, iżda sa l-aħħar ta' l-2005, minorità biss ta' l-Istati Membri nnotifikat lill-Kummissjoni bl-implimentazzjoni tagħha.

Fl-2005, kien hemm diversi rapporti ta' gruppi ta' ħaddiema immigranti li kienu qegħdin jaħdmu f'sitwazzjonijiet legali ħżiena. L-immigranti u r-refuġjati mingħajr status permanenti spiss jaħdmu f'suq tax-xogħol differenti, jiġifieri ma jkunux qegħdin jikkompetu mal-maġġoranza tal-popolazzjoni għal dawn ix-xogħlijiet. F'ċerti ċirkostanzi, il-protezzjoni konvenzjonali kontra d-diskriminazzjoni hija kważi irrelevanti. Bħala barranin, jistgħu ma jkunux konxji tar-regoli u tan-normi legali dwar il-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u meta jkunu f'sitwazzjoni legalment ristretta huma inqas kapaċi li jirrifjutaw kundizzjonijiet tax-xogħol inferjuri. Xi kultant l-azzjonijiet tal-gvern infushom jistgħu jagħmlu s-sitwazzjoni agħar, bħal per eżempju fl-Italja, fejn it-tendenzi fl-2005 ġew irrapportati bħala li kienu qegħdin jissoktaw fid-direzzjoni ta' l-esklużjoni ta' l-immigranti mis-suq "normali" tax-xogħol. Barra minn hekk, il-gvernijiet jistgħu b'mod intenzjonali u dirett iżidu l-vulnerabilità ta' gruppi ta' ħaddiema li jkollhom restrizzjonijiet legali, bħal fil-każ tal-kuntratti uffiċjali ġodda għall-ħaddiema domestiċi ġewwa Ċipru li ma jħallux lill-ħaddiema jipparteċipaw f'attività ta' trejd unjons jew f'attività politika, inkella, l-permess tax-xogħol u tar-residenza tagħhom jintemm awtomatikament. F'dan il-każ, għandu jiġi nnotat li d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tagħti lil dawk il-persuni li ilhom residenti *fit-tul* , il-libertà ta' l-assoċjazzjoni u ta' l-affiljazzjoni u d-dritt li jissieħbu f'organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-ħaddiema.

Matul l-2005 kien hemm avvenimenti li wasslu sabiex il-kummentaturi jenfasizzaw l-importanza li jinżammu standards minimi tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fejn ikun

hemm immigranti impjegati sabiex jiġi evitat id-diskors razzist. F'żewġ okkażjonijiet matul l-2005, f'żewġ pajjiżi differenti kien hemm istanzi simili ta' gruppi ta' ħaddiema barranin li ġew impjegati sabiex jissostitwixxu u jnaqqsu l-pagi u l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema nazzjonali u qamet biża' minħabba l-implikazzjonijiet li din is-sitwazzjoni setgħet ġabet fir-rigward tat-tkabbir tas-sentimenti kontra l-immigranti. F'wieħed minn dawn il-pajjiżi, l-Irlanda, il-Kunsill Soċjali u Ekonomiku Nazzjonali għaraf il-periklu li setgħu jikbru l-attitudnijiet negattivi lejn l-immigranti u kkonkluda li "iż-żamma u t-titjib ta' l-istandards fl-ekonomija u fis-soċjetà huwa mod ferm iktar effettiv ta' prevenzjoni ta' dinamika daqshekk negattiva, milli wieħed jara kif jagħmel biex ma jħallix li jaslu l-immigranti infushom".[14]

## Wieħed għandu jmur lil hinn mill-azzjoni kontra d-diskriminazzjoni

Fil-Kapitoli tematiċi tiegħu, ir-Rapport Annwali jirreferi għall-firxa wiesa' ta' miżuri kontra d-diskriminazzjoni li ġew applikati mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea matul l-2005 sabiex tiġi mtejba s-sitwazzjoni soċjo-ekonomika kif ukoll is-sitwazzjoni politika ta' l-immigranti u tal-minoranzi. Barra minn hekk, ir-rapport jiddiskrivi xi prattiċi tajbin dwar l-integrazzjoni li jmorru 'l hinn minn dawk li normalment jitqiesu bħala miżuri kontra d-diskriminazzjoni. Per eżempju, huwa indikattiv li fil-Greċja, il-PASOK, il-partit Soċjalist Grieg stieden u fil-fatt eleġġa tliet ċittadini minn pajjiżi terzi sabiex isiru membri tal-partit u tal-korpi ewlenin tiegħu. Tema oħra tal-miżuri ta' l-integrazzjoni fl-2005, kien ir-rwol ta' l-islam fis-soċjetajiet Ewropej. Ġewwa Franza ġiet imwaqqfa l-"Fondation pour les oeuvres de l'Islam en France" li hija istituzzjoni privata ffinanzjata minn donazzjonijiet privati. Il-fondi miġbura mill-Fondazzjoni se jmorru għall-bini ta' Moskeji u għat-taħriġ ta' imams Franċiżi, li ġie meqjus bħala pass importanti lejn il-ħolqien ta' verżjoni Ewropea ta' l-Islam. Fl-Italja, ġiet imwaqqfa entità konsultattiva dwar l-Islam Taljan, immexxija mill-Ministru ta' l-Intern għall-promozzjoni tad-djalogu istituzzjonali mal-komunitajiet Musulmani ġewwa l-Italja u sabiex ittejjeb l-għarfien tal-problemi ta' integrazzjoni.

Mod ieħor li permezz tiegħu wieħed jista' jmur lil hinn mill-prattiċi konvenzjonali kontra d-diskriminazzjoni huwa billi l-gvern nazzjonali jew lokali jipprovdi inkoraġġiment lill-kumpaniji sabiex jaddottaw il-kuxjenza u l-prattika kontra d-diskriminazzjoni permezz ta' miżuri ta' 'konformità ma' kuntratt'. Fl-2005, ġew irrapportati żewġ żviluppi relatati. Fl-Iżvezja, ġiet introdotta politika dwar il-klawsoli kontra d-diskriminazzjoni fil-kuntratti pubbliċi u din tobbliga lill-kuntratturi kollha tal-belt ta' Stokkolma sabiex jaġixxu skond kriterji kontra d-diskriminazzjoni fit-twettiq tal-kuntratt. Per eżempju jekk jiġu meqjusa li m'humiex konformi mal-leġislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni ma jkunux jistgħu

---

[14] National Economic Social Council (2005) NESC Strategy 2006: People, Productivity and Purpose, No. 114. (Il-Kunsill Soċjali u Ekonomiku Nazzjonali (2005), Strateġija ta' l-NESC għall-2006: In-Nies, il-Produttività u l-Għan, Nru. 114.)

japplikaw kuntratti futuri ma' l-awtorità. (inizjattiva oħra ġewwa Stokkolma hija li jiġu inklużi kundizzjonijiet kontra d-diskriminazzjoni fil-permessi ta' l-alkoħol mogħtija lir-ristoranti). Fir-Renju Unit, sitt awtoritajiet lokali fil-West Midlands irrevedew b'mod kollettiv il-Livell Komuni għall-Ugwaljanza fl-Akkwisti Pubbliċi. Dan jippermetti lill-awtoritajiet lokali sabiex jevalwaw jekk dawk li jipprovdu servizz, li jkunu qegħdin jagħmlu l-offerti għal kuntratt ma' l-awtorità jistgħux juru konformità mal-leġislazzjoni għall-ugwaljanza razzjali, ta' bejn is-sessi u ma' nies b'diżabilità u l-istandard komuni juri li s-sidien ma jkollhomx għalfejn iżidu l-isforzi tagħhom b'mod mhux neċessarju meta jkunu qegħdin jittrattaw ma' l-awtoritajiet lokali differenti.[15]

[15] Id-dokument jista' jitniżżel minn: http://www.cre.gov.uk/council_contracts.pdf (09.03.2006).

# 9. Opinjonijiet

## Kumment ġenerali

Fl-2006, b'mod ġenerali, is-sitwazzjoni ma nbidlitx fil-każ ta' l-opinjonijiet espressi mill-EUMC fir-Rapport Annwali tiegħu ta' l-2005 – Parti 2. Għalhekk, l-EUMC għadu qiegħed jitlob għal sistemi ta' ġbir ta' dejta (iżjed effettivi u komprensivi) li għandhom jiġu stabbiliti mill-maġġoranza ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, inkluż il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ, ta' reviżjoni u ta' l-evalwazzjoni. Fuq nota iżjed pożittiva, l-EUMC indika li d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE) qed jibda jkollha xi impatt fuq il-ħsieb ta' dawk li jfasslu l-politika, fil-każ tal-ħtieġa ta' dejta li tappoġġja l-evalwazzjoni u l-impatt tad-dispożizzjonijiet fil-leġislazzjoni nazzjonali u l-miżuri ta' appoġġ.

## Koordinazzjoni mtejba tal-poltika sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas fid-dejta

L-EUMC huwa ta' l-opinjoni li l-gruppi tax-xogħol bejn id-dipartimenti li jittrattaw ir-razziżmu għandhom jikkordinaw l-attivitajiet tagħhom sabiex jinkludu l-korp jew korpi nazzjonali li għandhom id-dmir li jiġbru u li janalizzaw id-dejta dwar ir-razziżmu, bħall-uffiċċji nazzjonali ta' l-istatistika, it-timijiet ta' l-istatistika fit-taqsimiet li jfasslu l-politika, il-korpi ta' l-ugwaljanza razzjali jew l-ekwivalenti tagħhom. Jeħtieġ li jkun hemm approċċ integrat fl-iżvilupp tal-politika u dawn għandhom jiġu allokati riżorsi adegwati.

L-EUMC huwa ta' l-opinjoni wkoll li l-Gvern għandu jagħżel jew jistabbilixxi mekkaniżmu ta' koordinazzjoni għad-dejta dwar ir-razziżmu. Dan il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni għandu jiġbor id-dejta nazzjonali kollha li hija disponibbli fuq ir-razziżmu li tkun ġiet miġbura minn firxa ta' sorsi mhux uffiċjali, affidabbli, appoġġjati/rikonoxxuti uffiċjalment mill-Istat.

Barra minn hekk, meta x-xogħol ta' ġbir u ta' analiżi tad-dejta dwar ir-razziżmu, ma jiġix assenjat lil korp jew lil korpi speċifiċi, dan għandu jiġi assenjat lil korp jew korpi xierqa, bħall-uffiċċji ta' l-istatistika nazzjonali, it-taqsimiet li jfasslu l-politika, il-korpi ta' l-ugwaljanza razzjali jew l-ekwivalenti tagħhom.

## Taħriġ fuq il-livell nazzjonali sabiex tinġabar id-dejta dwar id-diskiminazzjoni razzista u l-vjolenza razzista

L-EUMC huwa ta' l-opinjoni li l-Gvernijiet ta' l-UE u l-Kummissjoni Ewropea għandhom iħeġġu t-taħriġ dwar il-ġbir ta' dejta fl-oqsma ewlenin tal-politika, fl-impjiegi, fl-edukazzjoni, fl-akkomodazzjoni u fil-vjolenza razzista, fost affarijiet oħra. Barra minn hekk, għandhom jiġu stabbiliti moduli ta' taħriġ sabiex tiġi żviluppata l-ħila u sabiex jiġu stabbiliti livelli u linji gwida komuni ta' rappurtaġġ fuq livell nazzjonali. Dan għandu jiġu appoġġjat mill-Fuljett li l-Kummissjoni Ewropea qegħda tippjana dwar il-firxa tad-diskriminazzjoni.

## L-ittestjar tad-diskriminazzjoni

L-EUMC jitlob lill-Istati Membri li għadhom ma ssieħbux fil-Programm ta' l-ILO sabiex jagħmlu dan, u sabiex jagħmlu użu mill-ħiliet ta' l-ILO fl-ittestjar tad-diskriminazzjoni fl-impjiegi.

L-EUMC jitlob lill-Istati Membri sabiex iħarrġu nies sabiex iwettqu l-ittestjar tad-diskriminazzjoni. Barra minn hekk, għandhom jikkunsidraw it-twaqqif ta' taqsimiet li jkunu speċjalizzati fl-ittestjar sabiex jiżviluppaw il-ħiliet u l-kapaċità sabiex iwettqu l-ittestjar tad-diskriminazzjoni b'mod sistematiku u regolari. L-oqsma ewlenin tal-politika għall-ittestjar huma l-impjiegi u l-okkupazzjoni, l-edukazzjoni, id-djar u l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi.

## Azzjoni Pożittiva

Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali tippermetti li ssir azzjoni pożittiva sabiex fil-prattika tiġi assigurata l-ugwaljanza sħiħa. Azzjoni pożittiva fil-verità tfisser iż-żamma jew l-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi li jimpedixxu jew li jikkumpensaw għal żvantaġġi relatati ma' l-oriġini razzjali jew etnika.

L-EUMC qed jitlob lill-Istati Membri sabiex jagħmlu miżuri ta' azzjoni pożittiva, komponent integrali tal-politika ta' l-ugwaljanza razzjali u sabiex jiddeskrivu b'mod ġenerali t-tip ta' azzjoni, u sabiex jirrapportaw lura b'mod perjodiku u b'mod pubbliku l-impatt tal-miżuri li ttieħdu.

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw kampanji ta' informazzjoni li jispejgaw ir-raġunijiet għall-azzjoni pożittiva u għaliex qegħdin jappoġġjaw ftehim aħjar u ħafna usa' tal-kunċett, tal-prattika u tal-benefiċċji.

## Il-prattika fil-każ tas-simboli reliġjużi

L-EUMC jemmen li huwa importanti li l-Istati Membri, irrispettivament mill-għażliet politiċi li jkunu għamlu, jispjegaw b'mod ċar, u b'mod li ma jwassalx għal stigma ta' l-individwi affetwati jew tal-komunitajiet li dawn jappartjenu għalihom, ir-raġuni għall-politika u l-benefiċċji usa' għas-soċjetà kollha.

L-EUMC huwa ta' l-opinjoni li l-Istati Membri għandhom jeżaminaw il-politika tagħhom dwar is-simboli reliġjużi bil-għan li jassiguraw li dawn huma konsistenti mal-leġislazzjoni u mal-prinċipji għan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u għall-ugwaljanza.

L-EUMC huwa wkoll ta' l-opinjoni li l-Istati Membri għandhom jagħmlu riċerka u monitoraġġ sabiex jeżaminaw l-impatt ta' din il-politika fuq l-oqsma ta' l-

edukazzjoni u ta' l-impjiegi u fuq l-għanijiet usa' tal-politika għall-koeżjoni komunitarja u l-inklużjoni soċjali. Ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni ta' l-impatt għandhom jiġu ppubblikati u għandhom jintużaw meta jkun neċessarju sabiex issir reviżjoni ta' din il-politika.

## Is-sitwazzjoni ta' l-immigranti

L-EUMC, flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, jitlob lill-Istati Membri sabiex jimplimentaw id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE dwar l-istatus taċ-ċittadini nazzjonali minn pajjiżi terzi li jkunu ilhom residenti għal ħafna snin, u jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-terminu ta' żmien għall-implimentazzjoni kien Jannar 2006, u li fl-aħħar ta' l-2005 kienu biss ftit mill-Istati Membri li nnotifikaw lill-Kummissjoni li huma implimentaw din id-Direttiva.

## Ko-operazzjoni bejn il-Parlament Ewropew, l-entitajiet konsultattivi ta' l-UE u l-parlamenti nazzjonali

L-EUMC huwa ta' l-opinjoni li għandu jiġi assigurat li l-kompetenzi u l-esperjenza ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jinqasmu b'mod dirett mal-Parlament Ewropew sabiex jgħinu fir-rwol ta' skrutinju tiegħu. Il-Parlament Ewropew għandu għalhekk jagħti importanza lill-parteċipazzjoni ta' membri relevanti tal-Kumitat tar-Reġjuni (CoR) u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (EESC) f'uħud mill-*inter-groups* informali tiegħu.

Il-Parlament Ewropew għandu fuq bażi regolari jinvolvi lill-membri ta' CoR u ta' l-EESC fis-seduti tiegħu dwar ir-razziżmu u għandu jenfasizza aktar l-impatt tal-politika fuq il-livell lokali u reġjonali.

Il-Parlament Ewropew għandu jagħti importanza wkoll għad-diskussjoni dwar il-ġbir ta' dejta u l-linji politiċi relatati kontra d-diskriminazzjoni u d-diskriminazzjoni razzjali fil-qafas tal-laqgħat parlamentari regolari konġunti mal-parlamenti nazzjonali.

## Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali kontra r-Razziżmu (NAPs)

L-EUMC huwa ta' l-opinjoni li l-Istati Membri kollha ta' l-EU għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali (NAPs) sabiex jiġġieldu r-razziżmu, id-diskriminazzjoni razzjali, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata, u li dawk li diġà stabbilew l-NAPs għal perjodu ta' tliet snin jew iżjed għandhom jirrevedu jew jassistu l-impatt tal-Pjanijiet bl-għan li titjieb l-effikaċja tagħhom.

Il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali kontra r-Razziżmu għandhom ikunu s-suġġett ta' koordinazzjoni governattiva bejn id-dipartimenti, is-soċjetà ċivili u ta' konsultazzjoni bejn l-imsieħba soċjali u ta' reviżjoni regolari. Għandhom

jinkoporaw komponent għall-ġbir tad-dejta u għandhom ikunu relatati ma', u jindirizzaw, bħala minimu l-oqsma politiċi li ġejjin:

- In-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-ugwaljanza;
- L-inklużjoni soċjali;
- Il-Koeżjoni Komunitarja;
- L-integrazzjoni;
- Is-sessi;
- L-edukazzjoni; u
- Il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-impjiegi bħala parti ta' l-Istrateġija Ewropea ta' l-impjiegi

L-Istati għandhom jipprovdu rapport pubbliku fuq il-progress lejn l-istabbiliment ta' Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar ir-Razziżmu. Barra minn hekk, fejn ikunu ġew stabbiliti NAPs, l-Istati għandhom jipprovdu rapport annwali dwar l-implimentazzjoni ta' aspetti li għandhom x'jaqsmu mal-politika u l-impatt tagħhom. Dawn ir-rapporti għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament u għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.